IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.11.2013
SWD(2013) 800 final

# DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**li jakkumpanja l-Istħarriġ ta' Tkabbir Annwali tal-2014**

# ĦARSA ĠENERALI TAL-PROGRESS TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PAJJIŻI SKONT L-ISTAT MEMBRU

{COM(2013) 800 final}

**INTRODUZZJONI**

Dan id-dokument ta' ħidma tal-persunal jipprovdi ħarsa ġenerali *interim* tal-istat tal-fatt fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) fi Stati Membri individwali u għaż-Żona tal-Euro bħala mod sħiħ. Il-ħarsa ġenerali tqis il-progress li sar fl-aħħar tliet snin u turi r-riformi ewleninli saru mit-tnedija tal-proċess tas-Semestru Ewropew, filwaqt li tissottolinea nuqqasijiet fl-implimentazzjoni fid-dawl tal-aħħar rakkomandazzjonijiet adottati fl-2013. Minħabba li l-maġġoranza tal-isfidi ewlenin indirizzati x'aktar mhux se jingħelbu f'sena waħda din il-ħarsa ġenerali turi l-kontinwità fl-isforzi ta' riforma matul iż-żmien. Din l-analiżi hija preliminari u teknika. Il-Kummissjoni se tippreżenta l-valutazzjoni finali tagħha, bażata fuq il-programmi Nazzjonali u se tieħu kont tar-reviżjonijiet fil-fond skont il-proċedura ta' żbilanċi makro-ekonomiċi, fil-pakkett ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2014.

L-informazzjoni hija provduta wkoll fuq pajjiżi li qed jipprovdu Programm ta' Aġġustament Ekonomiku (EL, IE, PT, CY, RO) għalkemm ma hemmx rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż separati għal dawn il-pajjiżi lilhinn mill-implimentazzjoni tal-Programmi. Uħud mill-obbligi ta' rappurtar u monitoraġġ skont il-Patt ta' Stabbiltà ma japplikawx u l-parti l-kbira takl-obbligi skont is-Semestru Ewropew huma sospiżi għall-Pajjiżi tal-Programm mid-dħul fis-seħħ tat-Two-Pack. Ħarsa ġenerali hija provduta lejn is-sitwazzjoni tal-Kroazja, għalkemm għadha ma rċeviet ebda rakkomandazzjonijiet formali speċifiċi għall-pajjiż.

## IL-BELĠJU

**Il-finanzi pubbliċi:** Minkejja l-isforzi ta' konsolidazzjoni li saru, il-Belġju żamm pożizzjoni fiskali li tirrikjedi attenzjoni fir-rigward tal-livell għoli ta' dejn. Filwaqt li d-defiċit gradwalment naqas mill-2010, dan baqa' ogħla minn 3 % tal-limitu tal-PGD tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-Belġju huwa impenjat għal miżuri addizzjonali għall-2013 li se jnaqqsu l-iżbilanċ nominali għal 2,7 % tal-PGD. Ir-riforma tal-pensjonijiet li bdiet fi tmiem l-2011 issikkat ir-rekwiżiti tal-età minima u t-tul tal-karriera għal skemi ta' ħruġ bikri u skemi ta' rtirar kmieni u saħħet l-inċentivi finanzjarji biex ittawwal il-karrieri tax-xogħol u qed tkun imssaħħa permezz tal-miżuri tat-tixjiħ attiv. Minħabba l-kobor tal-isfida, miżuri u riformi addizzjonali jidher li huma meħtieġa biex jissalvagwardjaw il-finanzi pubbliċi fuq medda twila ta' żmien. Mhuwiex ċar kif il-kompetenzi l-ġodda tal-Komunitajiet fuq il-kura fuq medda twila ta' żmien se jtejbu l-effikaċja tal-infiq.

**Is-settur finanzjarju:** Il-Belġju ħa miżuri biex jistabbilizza s-settur bankarju tiegħu billi jirrikapitalizza l-aktar banek dgħajfa u jirriforma l-qafas superviżorju għas-settur finanzjarju. Madankollu, s-sitwazzjoni finanzjarja ta' xi banek tibqa' fraġli u l-livell għoli ta' garanziji tal-gvern jibqa' sors ta' tħassib.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Il-Belġju ħa miżuri biex irażżan pressjonijiet inflazzjonarji billi jsaħħaħ l-awtorità tal-kompetizzjoni u permezz ta' interventi regolatorji fis-swieq tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet. Bħala riżultat, il-prezzijiet tal-enerġija u l-prezzijiet tat-telekomunikazzjoni waqgħu u l-inflazzjoni ġenerali naqset għal taħt il-livelli osservati fil-pajjiżi ġirien. Għadhom meħtieġa aktar miżuri strutturali, b'mod partikolari fis-setturi tal-bejgħ bl-imnut u s-servizzi professjonali. Il-Belġju ħa xi miżuri sabiex inaqqas il-problema tad-differenza fil-pagi. F'termini reali sar iffriżar tal-pagi fl-2013 u 2014 u kien hemm żieda fit-tnaqqis strutturali u mmirat fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem. Riforma fil-mekkaniżmu tal-iffissar tal-pagi li huwa mmirat biex jimpedixxi kwalunkwe diżakkoppjament futur bejn il-pagi u l-produttività waqaf. Għalkemm il-punti sodi tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni parzjalment ikkumpensaw għal deterjorazzjoni tal-kompetittività tan-nefqa tal-pajjiż, il-Belġju jibbenefika jekk iwessa' l-bażi tal-innovazzjoni u jtejjeb id-disponibbilità ta' professjonisti kwalifikati kif ukoll billi jippromwovi l-intraprenditorija. Minħabba li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra baqgħu ogħla sew mill-mira, il-Belġju jeħtieġ li jimplimenta politiki aktar ambizzjużi notevolment fis-setturi tat-trasport u l-bini, inkluż billi jdaħħal fis-seħħ qafas intern li jaqsam il-piż bejn id-diversi entitajiet kompetenti.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi** Filwaqt li ma kien hemm l-ebda bidla kbira mit-taxxi fuq ix-xogħol lejn taxxi li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir, miżuri mmirati naqqsu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol u ttieħdu diversi miżuri biex itejbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma tas-sistema ta' benefiċċji għall-qgħad aċċellerat it-tnaqqis gradwali fil-livell ta' benefiċċji. Ġew introdotti xi miżuri biex tiżdied il-kapaċità ta' apprendistat u t-tagħlim tul il-ħajja. Riflessjoni aktar fundamentali dwar it-tqabbil tar-riżultati tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol hija meħtieġa. Il-mobilità interreġjonali tal-ħaddiema għandha tittejjeb aktar. Miżuri konkreti huma wkoll meħtieġa biex jindirzzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ li qed jiżdied, kif ukoll fuq is-suq tax-xogħol u l-integrazzjoni soċjali ta' persuni ta' oriġini migranti.

## IL-BULGARIJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-Bulgarija ħadet miżuri sostanzjali biex tiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha. Hija kkorreġiet id-defiċit eċċessiv tagħha fl-2011 u f'termini strutturali laħqet l-għan tagħha fuq medda ta' żmien medju ta' -0,5 % tal-PGD fl-2012. Id-dejn tal-gvern pubbliku huwa inqas minn 20 % tal-PGD fil-Bulgarija u għalhekk għandha waħda mill-iktar proporzjonijiet ta' dejn baxx fl-UE. Il-Bulgarija saħħet b'mod sinifikanti l-qafas fiskali tagħha f'dawn l-aħħar snin li kkontribwixxa biex tinżamm id-dixxiplina fiskali u tiżdied il-kredibbiltà tal-politika fiskali.

Fuq in-naħa tad-dħul, il-konformità mat-taxxa u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa għadhom sfidi fil-Bulgarija. Dwar ir-riforma tal-pensjonijiet il-Bulgarija ħadet xi passi pożittivi, iżda jinħtieġu sforzi ulterjuri sabiex itejbu s-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet u biex jiġi skoraġġit ħruġ kmieni mis-suq tax-xogħol. Ir-riformi fis-settur tal-kura tas-saħħa qed jinżammu lura minn nuqqas ta' kapaċità amministrattiva.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Il-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku ġiet riformata, iżda jeħtieġ isir iktar titjib biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u jiġi żgurat l-infurzar. Bidliet riċenti għar-regoli fuq l-arretrati se jtejbu l-ambjent tan-negozju ġenerali; dan se jsir ukoll mir-riforma ppjanata tal-proċeduri ta' insolvenza, li għad iridu jiġu miġjuba 'l quddiem mill-gvern. Il-Bulgarija għad trid tagħmel aktar progress fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja tagħha.

L-infrastruttura tat-trasport fil-Bulgarija esperjenzat titjib matul dawn l-aħħar snin, iżda jibqa' potenzjal konsiderevoli biex titjieb l-effiċjenza. L-istess jista' jingħad fl-oqsma tal-ilma u l-iskart. F'dan il-kuntest jeħtieġ li l-Bulgarija ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' korpi regolatorji rilevanti. Hemm ħtieġa ta' riformi sinifikanti fis-settur tal-enerġija Bulgaru sabiex dan isir konformi mas-Suq Intern tal-Enerġija u titjieb l-effiċjenza.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi:** Il-Bulgarija tbati minn numru ta' impjiegi taħt il-medja u li qed jonqsu kif ukoll differenzi kbar fil-qgħad madwar ir-reġjuni u l-gruppi ta' popolazzjoni. Ir-riformi huma meħtieġa biex tittejjeb l-effettività tas-servizzi tal-impjieg u biex jimplimentaw miżuri effettivi biex jiżdied l-impjieg taż-żgħażagħ. Il-kwalità ġenerali u l-effiċjenza tas-sistema ta' edukazzjoni wkoll jeħtieġ li jiġu mtejba. Ir-riformi huma mħejjija iżda l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom ġew posposti.

Fir-rigward ta' limiti minimi għal kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, il-gvern ħa passi biex jillimita l-impatt tagħhom, iżda dawn l-isforzi ma wasslux għal reviżjoni aktar komprensiva tas-sistema.

## IR-REPUBBLIKA ĊEKA

**Il-finanzi pubbliċi:** Ir-Repubblika Ċeka ħadet passi biex iġġib fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern sal-2013. Madanakollu huma meħtieġa aktar sforzi biex jindirizzaw il-kwalità tal-konsolidazzjoni fiskali. B'mod partikolari, l-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir bħall-investiment pubbliku esperjenza tnaqqis kumulattiv qawwi bejn l-2010 u l-2012. Dan, flimkien ma' livell baxx ta' assorbiment tal-Fondi Strutturali, ipoġġi l-prospetti ta' tkabbir fit-tul f'riskju. Kollox ma' kollox, inkiseb progress limitat f'termini ta' titjib fl-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Ir-riformi kienu adottati sabiex tiżdied il-konformità mar-regoli tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa iżda l-introduzzjoni ta' punt tal-ġbir uniku ġiet ittardjata u ma tisfruttax bis-sħiħ il-lok għal tnaqqis fil-piż amministrattiv għoli tal-ħlas tat-taxxi. Xi taxxi indiretti, partikolarment mill-VAT u taxxi tas-sisa, ġew mgħollija. Madankollu hemm lok għal bidla aktar ċara lil hinn mit-tassazzjoni fuq ix-xogħol għal żoni ta' inqas ħsara għat-tkabbir u għal tnaqqis ulterjuri ta' diskrepanzi fit-trattament ta' impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom. Ir-riforma tal-2011 tas-sistema tal-pensjonijiet tejbet is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi iżda aktar passi għadhom meħtieġa.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** L-effettività baxxa tal-amministrazzjoni pubblika għadha problema kbira għal negozji Ċeki. L-awtoritajiet Ċeki ħadu azzjoni biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u adottaw żewġ strateġiji suċċessivi kontra l-korruzzjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom ma kinitx effettiva biżżejjed: xi miżuri ewlenin, ġew implimentati b'mod parzjali, pereżempju rigward l-Att tal-Akkwisti Pubbliċi. filwaqt li oħrajn għadhom pendenti, bħall-Att dwar l-Uffiċjali taċ-Ċivil li tant ilu mistenni.

Iż-żieda fil-kwalità tal-edukazzjoni obbligatorja u ogħla hija essenzjali għall-kompetittività fit-tul tar-Repubblika Ċeka. Filwaqt li xi miżuri finanzjati mill-UE jinsabu għaddejjin fil-qasam tal-edukazzjoni obbligatorja, ma sar l-ebda progress fuq l-aspett tar-riforma tal-edukazzjoni ogħla.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi** Filwaqt li huwa komunement rikonoxxut li l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa bi tfal żgħar u ta' gruppi żvantaġġati mhijiex ottima, kien hemm biss rispons limitat sa issa. Il-proposta tal-gvern tal-liġi l-ġdida dwar l-għoti ta' servizzi tal-kura tat-tfal, akkumpanjata minn sussidji fiskali għal dawk li jipprovdu l-kura u l-familji parteċipanti, hija pass fid-direzzjoni t-tajba iżda setgħet tipprovdu biss risposta parzjali għall-kwistjoni.

Riforma tal-Uffiċċji tal-Impjiegi ġiet adottata fl-2011 u ilha tiġi implimentata minn dak iż-żmien. Wieħed għad irid jara jekk il-miżuri meħuda humiex biżżejjed biex jiżguraw li l-Uffiċċji tax-Xogħol, li huma mgħammra bil-persunal u għodod xierqa, jistgħux jipprovdu għajnuna effiċjenti u mmirata fit-tiftix tal-impjiegi.

## ID-DANIMARKA

**Il-finanzi pubbliċi:** Id-defiċit tal-baġit tad-Danimarka huwa mistenni li jaqa' għal 1,7 % tal-PDG fl-2013. Il-prospettivi pożittivi għall-finanzi pubbliċi Daniżi huma parzjalment dovuti għal miżuri ta' darba, li jenfasizzaw l-importanza ta' politika fiskali prudenti li tmur mill-orizzont tal-PŻE sabiex tissalvagwardja l-fiduċja tal-politika ekonomika Daniża u tipprovdi għal spejjeż relatati ma' popolazzjoni li qed tixjieħ.

**Is-settur finanzjarju:** Ir-riskji li jirriżultaw minħabba livelli għolja ta' dejn domestiku fid-Danimarka għall-istabbiltà finanzjarja jidhru li huma kontrollati. Ġew introdotti miżuri mill-gvern u s-settur finanzjarju matul l-aħħar sena, li jmorru fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, il-monitoraġġ mill-qrib huwa meħtieġ sabiex jiżgura li dawn ikollhom l-impatt mixtieq. L-ebda bidla ma ġiet ikkunsidrata sa issa biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet u jsaħħu l-karatteristiċi kontroċikliċi tal-proprjetà tat-tassazzjoni.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Kompetizzjoni domestika dgħajfa qed tirriżulta f'żidiet għoljin fil-prezzijiet tas-servizzi u l-merkanzija fid-Danimarka. Fl-2012, il-gvern ippreżenta pakkett dwar il-Kompetizzjoni li jinkludi miżuri rilevanti. Barra minn hekk, Kummissjoni dwar il-Produttività bħalissa qed tanalizza t-tkabbir dgħajjef tal-produttività tal-ekonomija Daniża u l-potenzjal tal-kontribuzzjoni ta' livelli mhux ottimali fil-kompetizzjoni fis-settur tas-servizzi Daniż. Ir-riżultati huma mistennija qabel tmiem l-2013 u għandhom minn dak inhar jitressqu' l quddiem b'miżuri ta' politika rilevanti.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi:** Id-Danimarka wettqet riformi importanti tal-pensjoni ta' rtirar kmieni, il-pensjoni ta' diżabbiltà u l-iskemi ta' impjiegi sussidjati (jiġifieri s-sistemi ta' impjieg flessibbli) biex tittejjeb il-provvista tax-xogħol. Madankollu, huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex titjieb l-impjegabbiltà ta' dawk li jinsabu fil-marġni tas-suq tax-xogħol, bħal ħaddiema ta' bla sengħa, persuni b'kapaċitajiet imnaqqsa għax-xogħol u persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Il-Gvern Daniż ħa passi biex itejjeb is-sitwazzjoni, b'mod partikolari billi jkunu intensifikat l-aspett tat-taħriġ u l-edukazzjoni tal-miżuri tas-suq tax-xogħol attiv, li għandhom jibbenefikaw ukoll lil dawn il-gruppi. Żewġ kumitati ta' Esperti kienu wkoll stabbiliti biex ittejbu l-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol kemm għall-ħaddiema assigurati kif ukoll dawk mhux assigurati. Riforma tas-sistema tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ġiet miftehma u se tiġi implimentata fis-sena skolastika 2014-2015. Proposta ġiet ippreżentata wkoll għal riforma tal-edukazzjoni vokazzjonali u sistema ta' taħriġ, maħsuba li jidħlu fis-seħħ sa Awwissu 2015. Riforma tas-sistema edukattiva terzjarja hija wkoll għaddejja.

## IL-ĠERMANJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Wara defiċits ta' aktar minn 3 % tal-PDG fl-2009 u fl-2010, il-Ġermanja issa reġgħet lura għal pożizzjoni fiskali tajba. Fl-2012, il-baġit ġenerali tal-gvern wassal għal bilanċ favorevoli żgħir u ntlaħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Matul dawn l-aħħar snin, il-Ġermanja żiedet in-nefqa fuq l-edukazzjoni u r-riċerka, iżda tkun tibbenefika iktar kieku tagħmel sforzi ulterjuri f'dan ir-rigward. Il-Ġermanja tejbet l-effiċjenza tal-infiq pubbliku fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul u sa ċertu punt is-sistema tat-taxxa. Ittieħdu passi li jiffavorixxu l-implimentazzjoni tar-regola kostituzzjonali tal-baġit-bilanċjat ("brejk fuq id-dejn"), għalkemm jidher li għad hemm bżonn ta' regoli speċifiċi ta' implimentazzjoni f'bosta *Länder*.

**Is-settur finanzjarju** Il-Ġermanja saħħet il-qafas superviżorju u regolatorju fis-settur finanzjarju u ħadet passi biex tkun konformi mal-qafas regolatorju l-ġdid tal-UE. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxew għar-ristrutturar tal-*Landesbanken*, iżda jeħtieġ li l-Ġermanja tieħu miżuri ulterjuri biex issostni l-konsolidament fis-settur bankarju.

**It-tkabbir u l-kompetittività**: Il-Ġermanja ħadet miżuri biex ittejjeb il-kundizzjonijiet għat-tħaffif fl-espansjoni tan-netwerk tal-elettriku, u tat bidu għall-koordinazzjoni tal-immaniġġar tan-netwerk tal-elettriku ma' xi Stati Membri tal-viċinat. F'dawn l-aħħar snin, il-Ġermanja għamlet sforzi limitati ħafna biex tiggarantixxi l-kompetizzjoni fis-suq ferrovjarju u wettqet riformi marġinali biss sabiex jinfetħu s-setturi tas-servizzi, b'mod partikolari s-servizzi professjonali u s-snajja'. Riċentement, il-Ġermanja adottat riforma leġiżlattiva biex ittejjeb l-infurzar tad-dritt tal-kompetizzjoni.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali**: Il-Ġermanja għamlet progress fit-tnaqqis tal-qgħad fuq terminu twil, iżda tista' taħdem iktar biex tisfrutta l-potenzjal tal-forza tax-xogħol tagħha fid-dawl tal-bidla demografika. B'segwitu għal evalwazzjoni globali tal-miżuri ta' sostenn għall-familja, jeħtieġ li l-gvern jieħu azzjoni biex jelimina gradwalment id-diżinċentiv fiskali tax-xogħol għat-tieni sors ta' dħul. Il-Ġermanja żiedet l-għadd ta' faċilitajiet tal-kura tat-tfal u ħadet għadd ta' inizjattivi biex ittejjeb it-tagħlim bikri tal-lingwi u l-ħiliet tal-qari tat-tfal, u biex tindirizza r-rata tat-tluq bikri mill-iskola ta' studenti li jkunu twieldu f'pajjiż barrani (li hija ogħla bid-doppju mill-medja nazzjonali). F'dawn l-aħħar snin, il-pagi għolew konsiderevolment. Minkejja r-riduzzjoni semi-awtomatika tar-rata ta' kontribuzzjoni għall-pensjoni, id-distakk fit-taxxa tax-xogħol jibqa' għoli, b'mod partikolari fuq id-dħul baxx.

## L-ESTONJA

**Il-finanzi pubbliċi:** L-Estonja għandha pożizzjoni fiskali soda, f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. L-għan ewlieni tal-istrateġija baġitarja tagħha huwa li tiżgura politika fiskali sostenibbli li tappoġġa tkabbir ekonomiku bbilanċjat. L-Objettiv fuq Perjodu Medju huwa eċċess strutturali, li nkiseb fl-2012.

Abbozz ta' liġi ġdida tressaq sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza u biex jifformalizza regola tal-bilanċ baġitarju (strutturali) għat-terminu l-medju li diġà teżist, iżda fil-biċċa l-kbira sa issa kienet informali. L-Estonja għad trid tintroduċi miżuri konkreti biex issaħħaħ in-natura vinkolanti tar-regoli u l-limiti eżistenti multiannwali.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** L-Estonja rkuprat malajr mill-kriżi tal-2008-09. Anki jekk ir-rata ta' tkabbir tal-PGD naqas, il-prestazzjoni tal-pajjiż għadha aħjar mill-medja tal-UE. L-Estonja qiegħda wkoll ittejjeb il-pożizzjoni tagħha fil-katina tal-valur internazzjonali u s-setturi b'intensità fl-għerf u qed tgawdi minn investiment li qed jikber fir-riċerka u l-iżvilupp.

Madankollu, diġà fl-2012, tnaqqis f'ishma esportati u żieda pjuttost kbira fl-Ispejjeż tal-Unità tax-Xogħol wasslu għal xi telf fil-kompetittività. Fl-ewwel nofs tal-2013, hekk kif it-tkabbir tal-produzzjoni naqas u l-impjiegi żdiedu, it-tkabbir fil-produttività fl-ekonomija naqas, filwaqt li t-tkabbir fil-pagi żdied b'mod sostanzjali, li wassal għal aktar telf fil-kompetittività.

Attenzjoni speċjali se tkun metieġa biex tiżgura li r-riżultati tal-edukazzjoni jaqblu aħjar mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li tillimita r-riskji taż-żidiet fil-paga li huma lilhinn mill-kisbiet fil-produttività. Il-gvern beda bosta riformi, pereżempju fuq il-bażi ta' netwerk tal-iskola sekondarja ogħla, ir-riforma tal-edukazzjoni ogħla u oħrajn qed jiġu mħejjija bħalma hi l-Istrateġija għat-Tagħlim tul il-Ħajja ferm mistennija. Madankollu, id-disinn finali għad irid jiġi finalizzat u l-impatt ta' dawn ir-riformi se jinħass biss fuq medda medja u twila ta' żmien.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi:** Is-suq tax-xogħol tal-Estonja rkupra malajr mill-kriżi tal-2008-9. Hekk kif qed ikompli t-tkabbir fl-ekonomija, għalkemm xi ftit inqas fl-2013, aktar nies qiegħda qed isibu impjieg u l-pagi reali jiżdiedu. Madankollu, l-qgħad persistenti fost iż-żgħażagħ u fit-tul, in-nuqqas ta' tlaqqigħ bejn il-ħiliet u t-telf tal-forza tax-xogħol minħabba kundizzjonijiet kroniċi jew problemi tas-saħħa jibqa' sors ewlieni ta' tħassib. Barra minn hekk, minħabba nuqqas persistenti ta' faċilitajiet ta' childcare il-ġenituri qed idumu ma jirritornaw fis-suq tax-xogħol, speċjalment in-nisa, li jżommhom milli jikkontribwixxu bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol. Il-Gvern qed tindirizza dawn in-nuqqasijiet permezz ta' bosta abbozzi ta' riformi b'mod partikolari r-riforma tal-iskema tal-inkapaċità għax-xogħol, iżda għadhom iridu jiġu ffinalizzati u sottomessi lill-Parlament għall-adozzjoni.

Fl-aħħar nett, fil-livell lokali, in-nuqqas ta' qbil rikorrenti bejn il-kapaċità fiskali u amministrattiva vis-à-vis ir-responsabbiltajiet trasferiti jħalli impatt negattiv fuq il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi mogħtija mill-gvernijiet lokali f'ħafna setturi inkluż l-kura fit-tul, servizzi ta' appoġġ lill-familji, l-edukazzjoni u t-trasport; l-istess japplika għal miżuri ta' appoġġ lokali meħtieġa biex jiżguraw kura tas-saħħa effettiva fil-provvediment tas-servizzi. Riformi li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet għadu ma ntlaħaqx qbil dwarhom. B'mod

partikolari, is-sottomissjoni tal-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Reġjonali lill-gvern ittardjat, filwaqt li pjan ta' azzjoni biex tittejjeb l-amministrazzjoni pubblika lokali qed tiġi mħejjija.

## L-IRLANDA

**Il-finanzi pubbliċi:** L-Irlanda żammet strettament mal-miri fiskali ewlenin matul il-perjodu kollhu tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku. Id-defiċit tal-2013 huwa stabbilit għal 7,4 % tal-PDG, ftit inqas mill-programm u l-livell massimu tal-Proċedura ta’ Defiċit Eċċessiv ta' 7,5 %. Id-dejn tal-gvern bħala perċentwali tal-PDG jibqa' għoli u għandu jilħaq l-ogħla livell fl-2013, iżda mbagħad għandu jonqos bis-saħħa tal-isforzi ta' konsolidament u tkabbir ogħla tal-PDG. Ir-riforma tal-qafas baġitarju baqgħet iżżomm ritmu tajjeb bl-avvanzi fil-livell tal-UE, iżda l-qafas tan-nefqa u r-rappurtar tad-dejta u t-trasparenza jeħtieġu titjib ulterjuri.

**Is-settur finanzjarju:** It-tnaqqis fl-ingranaġġ u r-ristrutturar tal-banek domestiċi għamel progress tajjeb, anki jekk għad fadal x'isir. Sforzi riċenti ffukaw fuq id-definizzjoni u l-kisba ta' objettivi għar-riżoluzzjoni sostenibbli tal-ipoteki b'lura, l-indirizzar ta' aktar self improduttiv u t-titjib tal-qafas ġuridiku u regolatorju (qafas tal-insolvenza personali u t-teħid mill-ġdid tal-beni, il-Kodiċi tal-Kondotta dwar l-Ipoteki b'Lura u r-reġistru tal-krediti). Bħalissa qed issir valutazzjoni komprensiva tal-karta bilanċjali tal-banek qabel it-testijiet tal-istress li għandhom jitwettqu skont il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku fl-2014, u se titlesta sal-aħħar ta' Novembru.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Iż-żieda reali tal-PDG hija mistennija li tkun modesta b'0,3 % fl-2013 qabel ma titla' għal 1,7 % fl-2014. Din hija konsistenti ma' konsum privat u qligħ dgħajfa fl-ewwel nofs tal-2013, minkejja t-tkabbir fl-impjiegi li rriżulta minn tnaqqis persistenti fl-ingranaġġ tal-unitajiet domestiċi u minn tfaddil kawtelatorju kbir. Madankollu, il-prospett għas-suq tax-xogħol ikompli jitjieb, li eventwalment għandu jinfirex u jaffettwa d-domanda domestika u t-tkabbir fil-prodott. Ċerti prodotti farmaċewtiċi ewlenin immanifatturati l-Irlanda se jiskadilhom il-brevett din is-sena u dan għandu jwassal għal tnaqqis fit-tkabbir tal-esportazzjoni u l-importazzjoni. Il-pressjonijiet fuq il-prezzijiet huma mistennija li jibqgħu baxxi, meta jitqiesu l-livell għoli ta' kapaċità żejda fl-ekonomija u l-effett inflazzjonarju limitat li jkollhom il-miżuri fiskali.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Ir-riformi strutturali tejbu l-elementi fundamentali ekonomiċi iżda għad fadal xogħol x'isir fuq ċerti kwistjonijiet. Ir-riformi riċenti li saru bil-programm attwali ffukaw fuq it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' attivazzjoni, jipprovdu għajnuna akbar u aktar profonda lil min qiegħed ifittex impjieg (b'mod partikolari l-persuni qiegħda fit-tul u ż-żagħżagħ) u t-titjib tar-rilevanza u l-għoti ta' aktar programmi ta' edukazzjoni u programmi ta' taħriġ sabiex iħeġġu t-tagħlim mill-ġdid ta' ħiliet u ta' ħiliet ġodda. Il-ħidma sabiex dawn is-servizzi jingħataw lill-pubbliku għadha ma tlestitx. Riformi oħra bil-programm għandhom l-għan li jnaqqsu l-ispiża u jżidu l-effiċjenza fil-provvista tal-kura tas-saħħa, li ssir riforma tas-settur tal-ilma u jnaqqsu l-ispejjeż tas-servizzi ġuridiċi permezz ta' aktar kompetizzjoni.

## IL-GREĊJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-Greċja qed tkompli tagħmel progress globali fil-qafas tat-Tieni Programm ta' Aġġustament Ekonomiku, għalkemm hemm xi dewmien għal ċerti azzjonijiet importanti. Ittieħdu miżuri importanti sabiex il-finanzi Griegi jimxu fit-triq tas-sostenibbiltà. L-iżviluppi fiskali riċenti kienu ġeneralment fit-triq it-tajba. Madankollu, l-isforzi jridu jkomplu jsiru biex jiġi ggarantit bilanċ tal-baġit primarju fl-2013, u biex jiġi żgurat titjib baġitarju ulterjuri.

Iż-żieda fid-dħul pubbliku u r-riforma fl-amministrazzjoni ineffettiva tad-dħul huma prijoritajiet ewlenin u huma meħtieġa sforzi sinifikanti sabiex l-amministrazzjoni tad-dħul semi-awtomatika li nħolqot riċentement taħdem bis-sħih u ttejjeb l-effiċjenza tagħha. Tkompli r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, b'taħdit kontinwu fost l-oħrajn fuq l-istrateġija tar-riżorsi umani, l-evoluzzjoni tal-iskema tal-mobilità, u l-implimentazzjoni tal-faxxa tat-taxxa sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tan-nefqa fil-pagi. Ġew implimentati diversi riformi strutturali importanti fl-oqsma tal-kura tas-saħħa u l-immaniġġar tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, għad hemm bżonn ta' riformi estensivi f'ħafna aktar oqsma.

**Is-settur finanzjarju:** Il-programm ta' privatizzazzjoni għandu bżonn implimentazzjoni determinata u effettiva. Ir-rikapitalizzazzjoni tal-erba' banek prinċipali tlestiet.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Il-prospett makroekonomiku qiegħed juri l- ewwel sinjali ta' rkupru, bi tbassir ta' tkabbir pożittiv ta' 0,6 % għall-2014. Wara numru ta' snin ta' riċessjoni, l-ewwel nofs tas-sena 2013 kien immarkat minn dgħufija globali tar-riċessjoni u l-ewwel sinjali tal-bidu tat-tmiem taċ-ċiklu. Minkejja li t-tnaqqis fl-ispiża ta' unità tax-xogħol, kif megħjuna minn riformi pożittivi fis-suq tax-xogħol, qiegħdin itejbu l-kompetittività fl-ispejjeż, ir-riformi kontinwi fis-swieq tal-prodotti jridu jkomplu jgħaġġlu u jiġu msaħħa. Il-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku jiffoka ħafna fuq ir-riformi strutturali li jridu jsiru biex jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għal irkupru fl-investiment, l-impjiegi u l-produttività hekk kif jaqleb għall-aħjar iċ-ċiklu ekonomiku. Ir-riformi ewlenin sabiex, fost l-oħrajn, jippromwovu ambjent ta' negozju effiċjenti u kompetittiv, issir riforma tas-sistema ġudizzjarja, jiġu żviluppati industriji u servizzi effiċjenti li jużaw in-netwerk u l-ftuħ ta' professjonijiet regolati komplew skont l-impenji tal-programm, iżda fadal id-deċiżjonijiet tal-politika.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Il-ġlieda kontra l-qgħad tibqa' prijorità għolja. Il-Greċja implimentat riformi ambizzjużi għas-suq tax-xogħol u issa huwa vitali li jsir avvanz fuq l-erba' pilastri tal-pjan ta' azzjoni għax-xogħol: programm ta' xogħlijiet pubbliċi; apprensistat għaż-żagħżagħ ("skema ta' vouchers"); riforma tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi (PES); u t-tisħiħ tal-edukazzjoni vokazzjonali u l-apprendistat. Il-Greċja qiegħda tara kif tista' ttejjeb ix-xibka ta' sigurtà soċjali fil-pakkett baġitarju attwali billi tinkludi l-iżvilupp ta' assistenza minħabba l-qgħad għall-persuni mingħajr xogħol fit-tul u l-ħolqien sa Jannar 2014 ta' skema ta' dħul minimu garantit (fuq bażi bi prova).

## SPANJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Spanja hija impenjata li tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2016. Spanja tavvanza fir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet tagħha. Fl-2011 ġew adottati żidiet gradwali fl-età statutorja tal-irtirar u fil-perjodu ta' kontribuzzjoni meħtieġ għal pensjoni sħiħa, l-aċċess għal irtirar bikri jew parzjali u inċentivi għal dan kienu mrażżna f'Marzu 2013. Liġi dwar ir-regolament tal-fattur ta' sostenibbiltà fis-sistema tal-pensjoni huwa ppjanat li jiġi adottat sa tmiem din is-sena. Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ssaħħet; l-arretrati qed jitħallsu u ttieħdu miżuri biex ikunu skuraġġuti ħlasijiet tard fil-futur; liġi ta' "diżindiċjar", li se tiġi approvata sa tmiem din is-sena, se telimina l-indiċjar għall-inflazzjoni fil-kuntratti pubbliċi. Inħoloq grupp ta' esperti indipendenti f'Lulju biex jinforma dwar ir-rieżami gobali tas-sistema tat-taxxa, wara miżuri li ttieħdu fl-2012 biex jibbilanċjaw mil-ġdid il-piż relattiv tat-taxxa lejn il-konsum u t-taxxi ambjentali. Ittieħdu bosta miżuri biex titjieb il-konformità mat-taxxa u jitnaqqas il-preġudizzju tad-dejn fit-tassazzjoni korporattiva, iżda huma meħtieġa aktar sforzi.

**Is-settur finanzjarju:** Il-programm tas-settur finanzjarju, li mistenni jintemm f'Jannar 2014, miexi kif suppost. Ir-ristrutturar tal-banek li rċevew għajnuna mill-Istat għaddej sew, u l-konformità mar-rekwiżiti tal-politika orizzontali hija kważi kompluta.

**Tkabbir u kompetittività:** Id-dgħjufijiet fl-ambjent tan-negozju bħas-segmentazzjoni tas-suq domestiku jew ostakli għad-dħul fl-industriji tas-servizzi jżommu milli jinħolqu l-impjiegi. Ġiet ippreżentata lill-Parlament proposta ġdida biex trawwem il-funzjonament tas-suq intern Spanjol (il-liġi dwar il-garanzija tal-unità tas-suq). L-ewwel abbozz tal-liġi li tirriforma s-servizzi professjonali issa qiegħda għall-konsultazzjoni. Il-liġi riċenti dwar l-intraprenditorija ġabet magħha, fost miżuri oħra, titjib fil-qafas għall-insolvenza korporattiva u forom aktar flessibbli tal-kumpaniji. Mill-2012 ittieħdu wkoll miżuri biex jiftħu s-settur tal-imnut u jilliberalizzaw is-suq tal-kiri tad-djar. F'Lulju 2013, l-awtoritajiet ressqu pakkett leġiżlattiv li għandu l-għan li jbiddel radikalment is-settur tal-elettriku u jagħlaq d-defiċit tat-tariffa tal-elettriku li ilu hemm għal żmien twil. Spanja qed tieħu wkoll passi biex tirriforma l-amministrazzjoni pubblika tagħha: fi Frar 2013 il-gvern ippreżenta abbozz dwar il-Liġi dwar ir-riforma tal-amministrazzjoni lokali (li għandha tiġi adottata mill-Parlament qabel tmiem l-2013) u tnieda x-xogħol fuq riforma aktar komprensiva tal-amministrazzjoni pubblika.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Filwaqt li wieħed ikompli fuq ir-riformi preċedenti fl-2010 u l-2011, ir-riforma tas-suq tax-xogħol aktar komprensiv tal-2012, flimkien mal-ftehim tal-imsieħba soċjali ta' Jannar 2012, jidhru li ħolqu l-kundizzjonijiet għal aktar reżiljenza fis-suq tax-xogħol. Madankollu, għadu kmieni wisq li wieħed jiġġudika jekk dan jiżgurax irkupru mgħaġġel biżżejjed fil-ħolqien tal-impjiegi u inqas duwaliżmu fis-suq tax-xogħol maż-żmien. Ix-xogħol ikompli jagħti spinta lill-politiki tas-suq tax-xogħol kif ukoll ir-rabtiet tagħhom ma' politiki passivi. Madankollu, l-applikazzjoni effettiva qed tieħu aktar żmien minn dak previst u l-koordinazzjoni bejn iċ-ċentri u r-reġjuni awtonomi għadha tqiegħed riskju għat-twassil effettiv. Qed jittieħdu bosta miżuri skont l-Istrateġija tal-Intraprenditorjat u tal-Impjiegi għaż-Żgħażagħ biex jitjiebu l-opportunitajiet tax-xogħol għaż-żgħażagħ. Ir-riformi għaddejjin ukoll biex itejbu l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ.

## FRANZA

**Il-finanzi pubbliċi**: Filwaqt li Franza għamlet sforzi konsiderevoli ta' konsolidament biex tnaqqas id-deficit nominali minn 7,5 % tal-PDG fl-2009 għal 4,8 % fl-2012, ma naqqsitx id-deficit eċċessiv tagħha sal-2013 minħabba li l-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu agħar milli mistenni, u għaldaqstant ingħatat sentejn addizzjonali mill-Kunsill. Għadu mhux ċar, jekk ir-riforma ta' deċentralizzazzjoni li hemm ippjanata hijiex se ġġib magħha tfaddil sinifikanti għall-gvern ġenerali kollu kemm hu. Ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2013 hija mistennija li tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà fuq terminu twil tas-sistema tal-pensjonijiet, iżda għandu mnejn tibqa' ma tkunx biżżejjed fuq terminu medju. Il-miżuri ppjanati jiffukaw prinċipalment fuq il-lat tad-dħul, b'mod partikolari biż-żieda fil-kontribuzzjonijiet soċjali, kemm għall-impjegati kif ukoll għal min iħaddem. Ir-riforma tal-pensjonijiet tal-2013 tkopri biss l-iskema ġenerali u tonqos milli tindirizza bis-sħiħ ir-reviżjoni tal-iskemi speċjali.

**Il-kompetittività u t-tkabbir**: Ittieħdu xi miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza fis-sistema tat-taxxa billi jiġu eliminati nefqiet tat-taxxa magħżula. Ġew implimentati ukoll miżuri sabiex jitnaqqas il-preġudizzju tad-dejn fit-taxxa korporattiva. Il-ħolqien ta' rata intermedjarja tal-VAT ta' 10 % fl-2013 għandu l-għan li jissimplifika s-sistema tat-taxxa iżda mhux se jnaqqas l-ineffiċjenzi (pereż. rata tal-VAT imnaqqsa għar-restoranti). Franza ħadet xi miżuri sabiex ittejjeb il-kompetittività, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni fl-2013 ta' ribass tat-taxxa għall-kompetittività u għall-impjiegi. Ittieħdu miżuri limitati biss biex tiżdied il-kompetittività f'setturi regolati. Fl-industriji li jużaw netwerk, ir-Regolament NOME se jnaqqas l-ostakli għad-dħul fis-settur tal-enerġija u għaddejja wkoll riforma li tfittex li tikseb żieda fl-effiċjenza tas-sistema ferrovjarja.

**Is-suq tax-xogħol:** Il-liġi ta' Ġunju 2013 dwar l-iżgurar tal-impjiegi hija pass 'il quddiem lejn it-titjib tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol. Il-liġi tindirizza notevolment l-aċċess limitat għat-tagħlim tul il-ħajja. Ittieħdu wkoll miżuri sabiex jingħata sostenn lill-impjiegi tal-ħaddiema anzjani u taż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz ta' xogħol sussidjat u ta' apprentistati, għalkemm b'riżultati xi ftit jew wisq imħallta. Aktar riċentement, il-programm "impjiegi tal-futur" isostni b'mod effikaċi l-prospetti ta' impjieg għaż-żgħażagħ li ma tantx għandhom kwalifiki filwaqt li l-"Kuntratt tal-Ġenerazzjoni" sa issa wera riżultati limitati. Fl-2012/2013 saret ukoll riforma tas-servizzi pubbliċi għall-impjiegi. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol ġiet parzjalment indirizzata billi ġew miżjuda l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-impjegaturi li jkollhom kuntratti ta' inqas minn tliet xhur, sabiex jitnaqqas il-proporzjon ta' kuntratti għal terminu qasir. Iż-żidiet diskrezzjonali fil-paga minima kienu limitati sabiex tiġi ppreservata l-kompetittività, filwaqt li l-formula tal-indiċizzazzjoni nżammet kif kienet. In-negozjati bejn l-imsieħba soċjali fuq is-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad dalwaqt jibdew. Minħabba l-livell ta' qgħad, jinħtieġu riformi strutturali ulterjuri sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol.

## IL-KROAZJA

Minħabba l-adeżjoni tagħha fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja ħadet sehem fis-Semestru Ewropew tal-2013 fuq bażi voluntarja u informali billi ssottomettiet programm ekonomiku f'April 2013. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni provda valutazzjoni kwalitattiva tal-programm u kkonkluda li għalkemm sar progress għad hemm sfidi strutturali u fiskali importanti ħafna. Ma kienx hemm rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

**Il-finanzi pubbliċi:** Matul l-aħħar snin, il-qafas fiskali fil-Kroazja ġie riformat bi tliet atti legali ewlenin li daħlu fis-seħħ i) l-Att tal-Baġit (2009), ii) l-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali (2011) u iii) id-Deċiżjoni tal-Gvern dwar l-istabbilment ta' Kumitat tal-Politika Fiskali (2011). Fuq in-naħa tad-dħul, il-Kroazja ħadet miżuri biex tmexxi l-piż tal-istruttura tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol lejn taxxi li jagħmlu anqas ħsara lit-tkabbir u biex titjieb il-konformità mat-taxxa permezz ta' azzjoni mmirata lejn il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u t-titjib tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Fuq in-naħa tal-infiq, ittieħdu passi biex tiġi riveduta l-effettività u s-sostenibbiltà tan-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali u l-pensjonijiet. Skont id-dejta notifikata mill-awtoritajiet, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern fil-Kroazja kien ta' 5,0 % tal-PDG fl-2012. Id-defiċit tal-istat fuq bażi ta' flus kontanti fl-ewwel disa' xhur tal-2013 kien viċin 4,0 % tal-PDG, ogħla minn dak li kien ippjanat għas-sena sħiħa (3 %). Id-dejn gross tal-gvern ġenerali żdied b'mod rapidu mill-2009, u laħaq 55,5 % fl-2013 u mistenni jkompli jiżdied.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Il-kwalità baxxa tal-ambjent tan-negozju u l-effiċjenza baxxa tal-ġudikatura kif ukoll in-nuqqas ta' kompetizzjoni fis-swieq ewlenin jixħet piż fuq il-prospetti ta' tkabbir għall-ekonomija Kroata. Matul l-aħħar snin, il-Kroazja ħadet miżuri leġiżlattivi, istituzzjonali u prattiċi sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u terġa' tqajjem l-investiment. Xi miżuri biex jimmodernizzaw l-amministrazzjoni pubblika, itejbu l-effiċjenza tal-ġudikatura, u jimplimentaw mekkaniżmi ta' prevenzjoni biex jiġġieldu l-korruzzjoni fis-settur pubbliku ġew meħuda, iżda huma meħtieġa aktar miżuri biex titjieb il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja. Flimkien ma qafas legali ineffiċjenti, hemm livell baxx ta' infiq fuq l-R&D. L-istrateġija l-ġdida dwar l-Innovazzjoni u l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti huma passi fid-direzzjoni t-tajba.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi:** Il-potenzjal tas-suq tax-xogħol Kroat huwa serjament mhux użat biżżejjed, fejn żgħażagħ, dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, anzjani u n-nisa huma f'sitwazzjoni partikolarment pożizzjoni żvantaġġata. Il-kopertura ta' miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol tjiebet reċentement, iżda l-effikaċja tal-miżuri għad trid tiġi evalwata. Biex ittejjeb il-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol fi stat dgħajjef, il-Kroazja adottata l-ewwel emendi għal-Liġi tax-Xogħol, li parzjalment indirizzaw il-leġiżlazzjoni tal-ħarsien tal-impjiegi. It-tieni fażi tal-emendi tal-liġi tax-xogħol, mistennija li jintroduċu aktar bidliet sinifikanti fil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi, qiegħda titħejja, bħala qed titħejja wkoll riforma tal-pensjonijiet estensiva. Is-sitwazzjoni soċjali qiegħda tiddeterjora, u qed tesponi terz tal-popolazzjoni għar-riskju tal-faqar. Għad hemm lok għal titjib fl-effettività tas-sistema tal-benessri soċjali u biex jiġu indirizzati d-diżinċentivi eżistenti għall-impjieg fost xi gruppi. L-Istrateġija tal-Welfare Soċjali 2011-2016 u l-Atti dwar il-Welfare Soċjali jipprovdu bażi wiesgħa għal riforma fis-sistema; madankollu l-impatt tal-miżuri se jiddependi fuq l-implimentazzjoni attwali tagħhom.

## L-ITALJA

**Il-finanzi pubbliċi:** L-isforz ta' konsolidament fiskali mill-2011 wassal għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Madankollu, id-dejn pubbliku jibqa' piż kbir. Għalhekk il-monitoraġġ mill-qrib tal-iżviluppi baġitarji biex tiġi żgurata konformità stretta mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, huwa ġġustifikat. Ir-riforma tas-sistemat tat-taxxa għadha frammentata. It-taxxa fuq id-djar ta' abitazzjoni primarja naqqset bin-nofs fl-2013 u għandha tiġi sostitwita b'taxxa lokali ġdida mill-2014. It-tfassil xieraq ta' din it-taxxa l-ġdida u r-reviżjoni tal-valuri kadastrali se jkunu kritiċi għas-sens ta' ġustizzja tat-taxxa fuq il-proprjetà u għall-effiċjenza tas-sistema ta' taxxa. Minkejja l-miżuri ġa meħuda u dan imħabbra għall-2014, it-taxxa fuq ix-xogħol u l-kapital tibqa' l-ogħla waħda fl-Italja.

**Is-settur finanzjarju:** Sabiex isaħħaħ is-settur bankarju Taljan, il-Bank tal-Italja wettaq rieżami tal-kwalità tal-assi mmirat, li jikkostitwixxi pass pożittiv, minkejja l-għadd limitat ta' banek involuti fil-kampjun. Barra minn hekk, ġiet proposta allowance ogħla għall-ekwità korporattiva biex jiġi diversifikat l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament. Madankollu t-titjib fil-governanza korporattiva tal-banek kien limitat.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Ittieħdu xi miżuri biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u jitjieb l-ambjent tan-negozju. Ittieħdet ukoll azzjoni biex titħeġġeġ l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u biex jittejjeb l-immaniġġar tal-fondi tal-UE, li madankollu tirrikjedi segwitu leġiżlattiv u għandha tiġi żviluppata ulterjorment. Ġew introdotti xi riformi biex titħeġġeġ il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi, iżda hemm riskji ta' implimentazzjoni, notevolment fir-rigward ta' servizzi professjonali. Hemm bżonn ta' awditjar sabiex jinħarġu tenders għas-servizzi pubbliċi, wara l-abrogazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fl-2012 tad-dispożizzjonijiet li jippreparaw għall-ftuħ tas-suq. Fir-rigward tal-industriji li jużaw in-netwerk, il-miżuri huma kontinwi biex jitjiebu l-kundizzjonijiet għall-aċċess tas-suq, partikolarment fis-setturi tal-gass u tat-trasport, iżda l-prezzijiet tal-enerġija jibqgħu għoljin ħafna u l-aġġornament tal-infrastrutturi mal-pajjiż kollhu jibqa' jippreżenta sfida.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Ir-rigidità u s-segmentazzjoni ilhom elementi strutturali tas-suq tax-xogħol Taljan. Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, ġiet adottata riforma fl-2012 li tinkludi limiti għall-kuntratti tax-xogħol atipiku, regoli ġodda għat-tkeċċija u skema integrata għall-benefiċċji tax-xogħol. Madankollu, l-implimentazzjoni qed timxi bil-mod, pereżempju fir-rigward tal-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi għall-impjiegi. Intlaħaq ftehim fl-2012 sabiex jiġu mqabbla aħjar il-pagi mal-produttività u megħjuna mit-tnaqqis fit-taxxa, li jrid jiġi rivedut mill-ewwel. Iż-żagħżagħ u n-nisa qiegħda jibqgħu kwistjonijiet ta' tħassib serju. Il-miżuri mmirati prinċipalment għaż-żgħażagħ ġew adottati f'diversi stadji, l-aħħar darba f'Awwissu 2013, u għandhom jiġu implimentati malajr. L-isfidi marbuta mal-edukazzjoni jibqgħu kbar ukoll (pereżempju, l-aktar rata baxxa ta' kisbiet fl-edukazzjoni terzjarja fl-UE u r-rata NEET ta' kważi 24 %) u għalhekk jinħtieġ titjib urġenti. Sabiex jiġu mmirati aħjar il-benefiċċji kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, sar pass importanti f'Awwissu 2013, prinċipalment biex tiġi estiża l-karta soċjali attwali lir-reġjuni tan-Nofsinhar kollhu. Madankollu, il-finanzi se jiddependu fuq ir-riprogrammazzjoni tal-kontribuzzjoni nazzjonali lejn il-fondi strutturali tal-UE.

## ĊIPRU

**Il-finanzi pubbliċi:** Ċipru bħalissa qed jagħmel konsolidament fiskali mdaqqas. Dan l-aġġustament għas-snin 2013-2014 huwa bbilanċjat b'mod wiesa' bejn l-infiq u d-dħul. Fuq in-naħa tal-infiq, ir-riforma tal-2013 tas-sistema tal-pensjoni, li tikkonsisti f'żieda fl-età tal-irtirar, diżinċentivi għal irtirar kmieni u tnaqqis fl-abbondanza tal-benefiċċji. Ittieħdu passi biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-istruttura ta' finanzjament u Sistema tas-Saħħa Nazzjonali hija mistennija li tiġi introdotta sa tmiem l-2015. Dwar il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (PFM) liġi biex tipprovdi bażi legali għal prinċipji PFM sodi, li tiddefinixxu l-proċessi ewlenin, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet matul iċ-ċiklu baġitarju annwali se tiġi adottata sal-aħħar ta' Diċembru 2013. Fuq in-naħa tad-dħul, riformi fid-dħul tat-taxxa u l-amministrazzjoni pubblika huma fis-seħħ, li għandhom l-għan li jtejbu l-konformita mat-taxxa, jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa u jagħmlu s-settur pubbliku aktar effettiv biex iwettaq il-ħidmiet tiegħu, inkluż billi jagħmilha aktar faċli biex jiġu allokati mill-ġdid riżorsi tas-settur pubbliku fl-oqsma l-aktar affettwati mill-kriżi ekonomika.

**Is-settur finanzjarju:** Ġew adottati għadd ta riformi kontra d-deterjorament qawwi ta' fiduċja fis-settur bankarju, bil-ħsieb li jirristrutturaw u jċekknu l-istituzzjonijiet finanzjarji, u jsaħħu s-superviżjoni. B'mod partikolari, il-Bank Ċentrali ta' Ċipru kien stabbilit bħala l-awtorità ta' riżoluzzjoni unika u l-Bank of Cyprus ġie rikapitalizzat u mneħħi mir-riżoluzzjoni. L-awtoritajiet bdew jimplimentaw l-istrateġija biex jirristrutturaw il-kooperattiva tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u l-ewwel għadiet tlestew. Ġie finalizzat pjan ta' ħidma għall-integrazzjoni tas-superviżjoni tal-kooperattiva tal-istituzzjonijiet tal-kreditu fil-Bank Ċentrali ta' Ċipru. Il-rilassament gradwali tar-restrizzjonijiet amministrattivi u l-kontrolli kapitali komplew skont il-pjan maqbul mas-sieħba tal-programm.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** It-traspożizzjoni tat-tielet pakkett tal-enerġija, it-tħejjija ta' strateġija għas-settur tal-enerġija, l-allinjament tal-leġiżlazzjoni mad-Direttiva dwar is-Servizzi kif ukoll l-isforz lejn il-liberalizzazzjoni ta' professjonijiet regolati jgħoddu fost il-miżuri li jtejbu t-tkabbir adottati/previsti minn Ċipru. Madankollu, għad fadal lok għal miżuri addizzjonali fis-settur tat-trasport, ukoll bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u li tinkoraġġixxi l-investiment tas-settur privat fir-riċerka u l-iżvilupp.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi** Wara t-tnaqqis sostnut fl-impjiegi mill-2009 u ż-żieda qawwija fil-qgħad, Ċipru ħa azzjoni orjentata lejn dawk li jkunu ilhom qiegħda u żgħażagħ qiegħda u t-titjib tal-ħiliet billi jitwaqqfu istituzzjonijiet post-sekondarji, l-introduzzjoni ta' Apprentistat Modern Ġdid u l-implimentazzjoni ta' sistema tal-kwalifiki vokazzjonali. Madankollu, huma meħtieġa sforzi ulterjuri biex jindirizzaw ir-rata għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ u titjib fl-adattament tal-ħiliet mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ċipru rriforma wkoll is-sistema tal-indiċizzazzjoni tal-pagi fis-settur pubbliku segwiti wkoll mis-settur privat, u rriforma l-welfare soċjali biex itejjeb il-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli u jiżgura bilanċ adatt bejn il-benefiċċji tal-welfare u l-inċentivi għax-xogħol.

## IL-LATVJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-konsolidament fiskali msejjes fuq bażi wiesgħa u l-livell ogħla ta' effiċjenza fl-infiq pubbliku miksuba matul il-programm ta' aġġustament makroekonomiku għamluha possibbli li l-Latvja tnaqqas id-defiċit tal-gvern minn 8,1 % tal-PDG fl-2010 għal 1,3 % fl-2012, u li tilħaq l-Objettiv ta' Terminu Medju (OTM) fl-2012. Il-proċedura tad-defiċit eċċessiv għal-Latvja tneħħa f'Ġunju 2013. Il-baġit tal-2014 huwa l-ewwel wieħed li se jiġi implimentat fuq il-bażi tal-Liġi ta' Dixxiplina Fiskali l-ġdida. Il-Parlament adotta miżuri tat-taxxa li jikkonċernaw ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu, il-livelli limitu mhux taxxabbli (ġenerali u għad-dipendenti) u t-taxxi ambjentali.

**Is-settur finanzjarju:** Il-privatizzazzjoni ta' diversi banek wara l-kriżi finanzjarja miexja fit-triq it-tajba u s-superviżjoni finanzjarja ġiet imsaħħa biex tippreserva l-istabbiltà tas-settur; waqt li hemm fis-seħħ miżuri regolatorji speċifiċi u monitoraġġ mill-qrib ta' depożiti tal-banek mhux residenti, il-viġilanza kontinwa tibqa' importanti.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Ġew proposti riformi ambizzjużi fl-oqsma tal-edukazzjoni u tax-xjenza, li jinkludu tibdil fil-governanza tal-istituti ta' edukazzjoni għolja, il-promozzjoni tal-internalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja u x-xjenza, u l-introduzzjoni ta' mudell ta' finanzjament li jippremja l-kwalità, flimkien ma' aktar finanzjament fl-edukazzjoni għolja nazzjonali. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom għadha ma mxietx 'il quddiem u r-riformi tal-akkreditazzjoni tal-oqsma ta' studju ma tkomplewx. Il-Latvja ħadet miżuri sinifikanti biex tnaqqas l-ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja ċivili li għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent tan-negozju. Il-miżuri jinkludu riorganizzazzjoni tal-qrati; bosta riforma fil-proċedimenti ċivili; implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-ICT u t-trasparenza permezz tal-pubblikazzjoni tas-sentenzi. Il-liġi dwar il-medjazzjoni u l-emendi fil-liġijiet dwar l-insolvenza għadhom qed jiġu diskussi. Fil-qasam tal-enerġija, is-suq tal-elettriku ġie liberalizzat u qed jiġu implimentati xi miżuri biex jittejbu l-konnessjonijiet tan-netwerks tal-enerġija. Madankollu, jinħtieġu sforzi ulterjuri rigward l-infrastrutturi u s-swieq tal-gass, b'mod partikolari biex il-partijiet terzi jiġu ggarantiti aċċess regolat tajjeb għas-sistemi ta' trasport u għall-ħażna. Qed isir xi progress f'dak li jirrigwarda l-effiċjenza enerġetika.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Il-Latvja naqqset it-taxxa tax-xogħol u huma ppjanati aktar miżuri għat-tnaqqis tat-taxxa tax-xogħol għall-2014-2015. Il-Latvja żiedet il-kopertura tal-politiki attivi fis-suq tax-xogħol (ALMP), żviluppat miżuri ġodda tal-ALMP u mmodernizzat l-iskejjel tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV). Bħalissa għaddejjin il-preparamenti għal skema ta' Garanzija għaż-Żagħżagħ. Id-deċiżjoni preċedenti tal-Latvja li tnaqqas il-livell tal-Introjtu Minimu Garantit u li tneħħi l-finanzjament tal-Gvern Ċentrali marret kontra r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż. Madankollu, hemm ħidma kontinwa, anke jekk għaddejja b'ritmu kajman, fuq ir-riforma tal-assistenza soċjali sabiex jittejbu l-kopertura u l-idoneità tal-assistenza soċjali. Miżuri oħra li jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali jinkludu ż-żieda fil-paga minima u servizzi soċjali speċjali għall-persuni bi bżonnijiet speċjali jew l-għajnuna lit-tfal bi bżonnijiet speċjali. Fir-rigward tal-faqar tat-tfal, waħda mill-ogħla fl-Ewropa, il-Latvja żiedet l-għadd ta' benefiċċji għall-familji fl-2013 u huma previsti żidiet ulterjuri fl-2014.

## IL-LITWANJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Matul l-aħħar tliet snin, it-tkabbir ekonomiku kien fost l-ogħla fl-UE, li għen biex inaqqas id-defiċit baġitarju. F'Ġunju 2013, tneħħiet il-Proċedura għad-Defiċit Eċċessiv. Filwaqt li jidher li hemm tendenza negattiva fid-defiċit strutturali, il-progress lejn l-OTM kien inqas mir-rekwiżit minimu u l-isforzi għandhom jiżdiedu u jħarsu l-quddiem. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri, notevolment dwar it-taxxa fuq il-proprjetà, b'mod globali ma sar l-ebda progress kbir rigward it-taxxa bejn l-2012 u l-2013. Minħabba li l-proporzjon taxxa/PDG tal-Litwanja huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE hemm lok fejn issir żieda fid-dħul. Ir-rieżami tat-taxxa tal-2013 kellu kamp ta' applikazzjoni limitat, waqt li l-effetti tal-istrateġija estiża biex tittejjeb il-konformità tat-taxxa jistgħu jkunu mistennija pjuttost lejn nofs it-terminu. L-adozzjoni ta' liġijiet ta' stabbilità fiskali ġiet posposta u tenħtieġ azzjoni ulterjuri biex jissaħħaħ il-qafas fiskali. Żidiet gradwali fl-età għall-pensjoni ġew adottati fl-2011. L-emendi ġuridiċi li jikkumplimentaw it-tfaddil għall-pensjoni ġew adottati lejn l-aħħar tal-2012. Madankollu, il-leġiżlazzjoni fuq riforma aktar komprensiva tas-sistema tal-pensjonijiet u miżuri biex jiżguraw ħajja tax-xogħol aktar twila għad irid jiġu introdotti.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Il-Litwanja tejbet il-kompetittività tagħha f'dawn l-aħħar snin permezz ta' tnaqqis konsistenti fil-pagi u t-tijib fil-kompetittività mhux fuq il-prezz. Madankollu, għad hemm potenzjal kbir ta' titjib li jista' jsir fir-rigward tar-riċerka u l-innovazzjoni l-prestazzjoni tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, ir-riformi fis-settur tal-enerġija (il-Litwanja hija waħda mill-aktar ekonomiji tal-UE li tuża l-iktar enerġija u faħam) għandhom inaqqsu d-dipendenza qawwija fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Dwar in-netwerks tal-enerġija, ittieħdu passi iżda r-rata ta' implimentazzjoni għadha baxxa. Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika tal-bini, fl-2013, il-Litwanja neħħiet l-ostakli legali għall-għoti ta' self speċifiku lil ċerti kategoriji ta' sidien. Waqt li dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, l-impatt konkret ta' dawn il-miżuri għad irid jiġi vvalutat. Il-gvern waqqaf qafas regolatorju tar-riforma tal-impriża tal-gvern u tejjeb sinifikattivament it-trasparenza. L-isfida issa hija li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-elementi kollha tar-riforma.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fil-Litwanja marret għall-aħjar iżda l-livell ta' qgħad fit-tul u fost iż-żagħżagħ jibqa' tħassib serju. Hemm nuqqas dejjem jikber ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Il-gvern ħa numru ta' miżuri biex jindirizza l-qgħad fost iż-żagħżagħ, b'xi riżultati pożittivi u preparamenti għal skema ta' Garanzija għaż-Żagħżagħ. Madankollu, il-miżuri ALMP għadhom ma biddlux il-mira tagħhom biex jindirizzaw aħjar il-ħaddiema b'ħiliet mhux speċjalizzati u lil dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. Il-promozzjoni tal-apprendistati fil-VET tibqa' insuffiċjenti. Il-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-ħaddiema hija limitata: it-tibdil fil-kodiċi tax-xogħol kien limitat u mhux se jkollu impatt kbir. Ir-riformi inizjali biex jappoġġaw il-liberalizzazzjoni tal-kuntratti ta' mpjieg temporanji fis-settur privat saru iżda mhumiex suffiċjenti minħabba l-perjodu limitat u l-iskop limitat tagħhom. L-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma fl-assistenza soċjali fi flus seħħet bl-għan li titjib il-mira. Iż-żieda fil-paga minima ġenerali għandha ttejjeb ir-rati ta' faqar tax-xogħol u tista tnaqqas il-faqar in ġenerali. Madankollu, jidher li dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

## IL-LUSSEMBURGU

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-Lussemburgu għamel progress fl-isforzi tiegħu ta' konsolidament fiskali sabiex jikseb l-objettiv ta' terminu medju. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar sforzi sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Ġie mħejji abbozz ta' liġi sabiex jitwaqqaf qafas baġitarju ta' terminu medju, iżda l-adozzjoni tiegħu ġiet imdewwma. Ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet adottata f'Diċembru 2012 tista' tiġi kkunsidrata bħala l-ewwel pass biss fid-direzzjoni t-tajba għall-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzjament pubbliku. Hemm bżonn ta' aktar miżuri inklużi dawk relatati mal-kura fit-tul. Il-Lussemburgu għadu ma ħax miżuri sabiex jestendi l-applikazzjoni tar-rata standard tal-VAT, li għandha tgħin biex jiżdied id-dħul mill-konsum.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** L-ispejjeż nominali ta' unità tax-xogħol fil-Lussemburgu żdiedu bi kważi 16 % bejn l-2008 u l-2012, aktar mid-doppju mill-pajjiżi tal-viċinat. Madankollu, il-miżuri li ħa l-Lussemburgu biex itejjeb is-sistema tal-pagi huma biss parzjali u temporanji. Il-Lussemburgu għamel sforz biex ivarja l-istruttura tal-ekonomija tiegħu, li tiddependi ħafna fuq is-settur finanzjarju (madwar 30 % tal-valur miżjud totali). Madankollu, hemm bżonn ta' aktar sforzi, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata d-dgħufija tas-sistema ta' riċerka u innovazzjoni tal-Lussemburgu. Leġiżlazzjoni riċenti naqqset b'mod konsiderevoli l-piż regolatorju marbut mas-servizzi professjonali u ssimplifikat l-aċċess għall-fornituri tas-servizz. Il-preġudizzju tad-dejn fi-taxxa korporattiva seta' kellu sehem fil-livell għoli ta' dejn tal-kumpaniji, iżda għadhom ma ttieħdu l-ebda miżuri biex jindirizzaw din il-problema. Il-Lussemburgu mhuwiex fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tal-gass b'effett ta' serra tiegħu, u hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex ipaċi l-esternalitajiet negattivi li jirriżultaw minn livell baxx ta' taxxi fuq prodotti enerġetiċi għat-trasport u biex itejjeb is-sistema tat-trasport pubbliku.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Is-sistema edukattiva tal-Lussemburgu qiegħda taffaċċa sfidi speċifiċi minħabba d-domanda għall-multilingwiżmu, il-proporzjon għoli fil-popolazzjoni ta' nies bi sfond immigrat (43,1 %) u l-ħiliet speċifiċi meħtieġa minn suq tax-xogħol speċjalizzat sew b'settur finanzjarju kbir. Is-sitwazzjoni għall-immigrati u ż-żagħżagħ b'ħiliet mhux speċjalizzati tibqa' waħda diffiċli. Il-Lussemburgu ħa miżuri inkluzi t-twaqqif ta; ċentru għall-pariri dwar il-karriera, Osservatorju tal-Impjiegi, inċentivi magħrufa bħala "tajjeb għax-xogħol" u "Garanzija għaż-Żagħżagħ", li qegħdin fit-triq it-tajba. Madankollu, l-implimentazzjoni sa issa għadha parzjali. Bħalissa qiegħda titħejja riforma tas-sistema tal-iskejjel sekondarji. Minħabba rata baxxa tal-impjieg tal-persunal anzjan, twaqqfu inċentivi finanzjarji permezz tar-riforma tal-pensjonijiet biex itawwlu l-ħajja tax-xogħol.

## L-Ungerija

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-Proċedura Unġeriża għad-Defiċit Eċċessiv tneħħiet f'Ġunju 2013, u b'segwitu ta' dan, l-awtoritajiet adottaw, fir-rigward tal-bilanċ, pożizzjoni fiskali kemxejn espansjonarja. It-tbassir fiskali tal-Kummissjoni għall-2014 qiegħed bl-eżatt mal-valur referenzjarju tat-Trattat (3 % tal-PDG) b'riskji importanti li jkabbru d-defiċit. Barra minn hekk, deċiżjonijiet riċenti dwar il-politika fiskali ma jindikawx tibdil lejn strateġija fiskali li tiffavurixxi t-tkabbir. Bit-tisħiħ tal-governanza fiskali, ittieħdu xi miżuri iżda jridu jsiru aktar sforzi.

**Is-settur finanzjarju:** Żdied il-kreditu lill-SMEs u l-esponiment tas-settur għas-self bil-munita barranija denominata (FX) tnaqqas bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-Iskema ta' Finanzjament għat-Tkabbir tal-bank ċentrali. Madankollu, din l-iskema jista' jkollha spejjeż fiskali sostanzjali ta' terminu medju. It-taxxi speċifiċi għas-settur fuq is-settur finanzjarju ġew miżjuda għal darb'oħra fl-2013. Barra minn hekk, il-gvern attwalment qed jippjana skema ġdida ta' sostenn għall-ipoteki f'FX ta' unitajiet domestiċi, u l-ispejjeż assoċjati jistgħu jnaqqsu ulterjorment il-provvista tal-kreditu għall-banek. L-awtorità superviżorja għamlet fużjoni mal-Bank Magyar Nemzeti, li għandu jżidilha s-setgħa f'każijiet ta' emerġenza u l-integrazzjoni tal-għodda makro- u mikro-prudenzjali. Fir-rigward tat-tindif tal-portafoll, ma ġew adottati l-ebda passi ġodda, filwaqt li s-sehem ta' self improduttiv fil-karta tal-bilanċ tas-settur bankarju huwa pjuttost għoli (qrib l-20 %) flimkien mas-sehem għoli tas-self ristrutturat.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** It-tkabbir ekonomiku tal-Ungerija huwa inqas minn dak ta' msieħba reġjonali oħra (PL, CZ, SK) minħabba t-tnaqqis fl-ingranaġġ ta' setturi midjunin u ambjent tan-negozju li qiegħed imur għall-agħar. Dan tal-aħħar huwa kaġun in-nuqqas ta' ċertezza, l-effetti ta' tfixkil tal-politiki tal-gvern li jimponu numru dejjem akbar ta' restrizzjonijiet fuq l-investituri u l-kwalità tat-taxxa tal-kumpaniji, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju. Sa issa, ma ttieħdu l-ebda miżuri biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-ambjent tan-negozju.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali:** Is-suq tax-xogħol qiegħed lura meta kkumparat mal-medja tal-UE, b'rata ġeneralment baxxa ta' impjiegi. Il-qgħad fost iż-żagħżagħ u l-qgħad fit-tul huma l-kwistjonijiet ewlenin ta' tħassib kbir. Bħalissa għaddejjin il-preparamenti għal skema ta' Garanzija għaż-Żagħżagħ. Il-programmi ta' xogħlijiet pubbliċi b'firxa wiesgħa introdotti mill-gvern fl-2011 għenu biex jistabbilizzaw il-qgħad, iżda l-effetti fit-tul favur l-impjiegi għadu jrid jiġi muri. L-element ta' attivazzjoni ppjanat qiegħed fit-triq it-tajba, iżda jibqa' eżempju uniku. L-impatt tal-programmi tat-tagħlim tul il-ħajja għadu jrid jinħass. L-istrateġiji għal min jitlaq l-iskola qabel iż-żmien, it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni għolja kollha għadhom qed jitħejjew. Il-gvern introduċa tnaqqis speċifiku fil-kontribuzzjonijiet soċjali biex iżid id-domanda għall-ħaddiema fis-suq tax-xogħol miftuħ; madankollu l-effett ta' din il-miżura għadu mhux magħruf. Minkejja żieda moderata fil-popolazzjoni attiva tax-xogħol, il-faqar u l-esklużjoni soċjali qegħdin jiżdiedu u numru akbar ta' nies qegħdin jaffaċċaw tiċħid materjali serju. Dawn l-isfidi marru għall-agħar minħabba tnaqqis fit-tul u l-ammont ta' benefiċċji tal-qgħad u għalhekk l-assistenza soċjali fi flus tgħin bir-restrizzjoni fuq il-kriterji ta' eliġibiltà.

# Malta

**Il-finanzi pubbliċi:** Malta qed tippjana li tniżżel id-defiċit tal-gvern ġenerali għal 2,7 % tal-PDG fl-2013 iżda skont il-Previżjoni tal-Ħarifa tal-Kummissjoni ċ-ċifra se tkun dik ta' 3,4 % tal-PDG. Malta ħabbret miżuri sabiex tiżdied il-konformità mat-taxxa u tiġġieled l-evażjoni fiskali iżda l-implimentazzjoni tagħhom għadha għaddejja. Il-preġudizzju tat-taxxa korporattiva għad irid jiġi indirizzat. Hija mistennija riforma tal-qafas fiskali sal-aħħar ta' din is-sena. Is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi ta' Malta fit-tul tibqa' sfida kontinwa għaliex it-tkabbir imbassar fin-nefqa skont l-età għadha ferm għolja mill-medja tal-UE. Rigward ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet iż-żidiet kontinwi fl-età tal-irtirar huma wisq gradwali u mhumiex marbuta mal-istennija tal-għomor. Malta qiegħda tippjana li tpaċi dawn iż-żidiet fit-terminu qasir-medju permezz ta' aktar miżuri, bħal żieda fir-rata tal-impjiegi tan-nisa u persunal anzjan (hija mistennija strateġija fuq it-tixjiħ attiv lejn l-aħħar ta' din is-sena), iżda jonqos rispons fit-tul. In-nefqa fuq il-kura tas-saħħa żżid mal-isfida. L-awtoritajiet qed jimplimentaw għadd ta' miżuri biex itejbu l-idoneità tas-sistema, iżda l-impatt finanzjarju tagħhom mhuwiex ċar.

**Is-settur finanzjarju:** L-awtoritajiet qed jippjanaw li jirrevedu żewġ regolamenti bankarji marbutin mal-provizjonament tat-telf mis-self u r-riskju ta' konċentrazzjoni. Dawn l-abbozzi ta' regolamenti għadhom qed jiġu diskussi u diġà għaddiet l-iskadenza inizjali. Sabiex itejbu s-superviżjoni, l-awtoritajiet waqqfu Bord Konġunt ta' Stabbiltà Finanzjarja u ppproponew emenda għall-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

**It-tkabbir u l-kompetittività:** Hemm pjanijiet għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija bil-konverżjoni tal-impjant tal-enerġija li bħalissa qed jaħdem biż-żejt għall-gass u biex jinbena impjant ġdid LNG. Barra minn hekk, qed isir l-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja, iżda t-tlestija tiegħu ttardjat. Fir-rigward tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, ġew implimentati skemi ta' sostenn, iżda ġew irreġistrati problemi fl-iżvilupp tal-parks eoliċi importanti. Ġew implimentati diversi miżuri limitati biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fis-settur tat-trasport, iżda l-użu tat-trasport pubbliku kif previst f'riforma kontinwa kien wieħed modest. B'mod ġenerali jidher li jinħtieġu sforzi ulterjuri fl-effiċjenza enerġetika. Malta qed tintroduċi qafas ta' akkwist elettroniku biex iżżid l-effiċjenza fl-akkwist pubbliku u fl-2013 tat bidu għal riforma tas-sistema ġudizzjarja.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali** Filwaqt li għadha baxxa ħafna, ir-rata ta' impjiegi fost in-nisa qed tiżdied. Mill-2011 ġew introdotti miżuri, b'mod partikolari l-ftuħ ta' ċentri pubbliċi u privati għall-kura tat-tfal u għal wara l-ħin tal-iskola, għalkemm il-kwistjoni tibqa' biex dawn jintlaħqu u jkunu affordabbli. Il-liv tal-maternità ġie estiż fl-2012 u l-2013 u ġew implimentati inċentivi ġodda għat-taxxa fuq l-introjtu għall-ġenituri li jaħdmu. Ir-rata ta' tluq bikri mill-iskola tibqa' għolja, iżda ġew introdotti miżuri biex jindirizzaw il-kwistjoni. Huma ppjanati miżuri li jindirizzaw il-litteriżmu, it-tagħlim tul il-ħajja u r-riintegrazzjoni tal-persuni li qed ifittxu impjieg u l-persuni inattivi fis-suq tax-xogħol, li jikkumplimentaw ir-riformi kontinwi tal-iskema tal-apprendistat. Minħabba li l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-għoli tal-ħajja ta' Malta għandu karatteristiċi speċifiċi li jidhru li jnaqqsu l-effetti negattivi tiegħu. Madankollu, Malta ħeġġet li timmonitorja mill-qrib l-impatt tagħha u tkun lesta li tirriformah kif xieraq.

## IL-PAJJIŻI L-BAXXI

**Il-finanzi pubbliċi:** Fid-dawl ta' distorsjonijiet strutturali sinifikanti fis-suq tad-djar Olandiż, kemm fis-segmenti ta' dawk li jipposjedu d-dar tagħhom u ta' dawk li jikru, huma meħtieġa aktar riformi biex itejbu l-funzjonament ta' dan is-suq iżda wkoll biex jillimitaw ir-riperkussjonijiet fuq l-ekonomija iktar wiesgħa li qed iżżomm lura l-irkupru. Il-Pajjiżi l-Baxxi adottaw riformi tal-pensjoni tal-ewwel pilastru. Ir-riformi tat-tieni pilastru u r-riformi tal-kura għal tul ta' żmien twil għad iridu jiġu adottati u implimentati. Il-miżuri biex jitjieb il-funzjonament tal-fondi tal-pensjoni huma mistennija li jnaqqsu s-sussidji fiskali għas-sistema u fl-istess waqt jappoġġaw l-impjegabbiltà ta' ħaddiema avvanzati fl-età.

**Is-settur finanzjarju:** Minn April 2013, ġew implimentati uħud minn serje ta' miżuri. Uħud minn dawn jikkonċernaw it-trattament fiskali tal-finanzjament għad-djar. Iċ-ċaqliq gradwali biex jillimita t-tnaqqis tal-interess tat-taxxa tal-mutwu ipotekarju u jżid l-inċentiv biex jamortizza huwa utli, iżda ta' din l-inklużjoni gradwali ta' din il-miżura hija bil-mod wisq. Fis-suq tal-kiri, l-introduzzjoni riċenti ta' xi differenzjazzjoni tal-kiri fis-settur reżidenzjali abbażi tal-introjtu hija pass milqugħ, iżda l-impatt tagħha għad irid jiġi vvalutat.

**Tkabbir u kompetittività:** Il-Pajjiżi l-Baxxi tejbu l-klassifikazzjoni tagħhom fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Unjoni tal-Innovazzjoni għall-2013, li poġġiet lill-Pajjiżi l-Baxxi fil-grupp ta' "segwaċi tal-innovazzjoni" bi prestazzjoni 'l fuq mill-medja. Tħabbru bosta miżuri, u qed jiġu implimentati u ġew interpretati bħala passi fid-direzzjoni t-tajba. Konsegwentament, is-CSR dwar il-kompetittività u r-R&Ż twaqqfu fl-2013. Għalkemm in-nefqa pubblika fuq l-edukazzjoni tidher li hija salvagwardjata minn tnaqqis baġitarju, il-finanzjament għal riċerka fundamentali mingħajr kundizzjonijiet jinsab taħt pressjoni. Fl-2012 u l-2013 ittieħdu miżuri biex jitjieb l-ambjent tan-negozju, inklużi impriżi li għadhom jibdew, iżda hemm ambitu għal aktar titjib u simplifikazzjoni f'ċerti oqsma. In-nuqqasijiet fil-ħiliet qed jirriskjaw li jkunu ta' ostakli għat-tkabbir u ġew indirizzati minn bosta miżuri li jeħtieġ li jiġu implimentati.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fil-Pajjiżi l-Baxxi ddeterjorat aktar. Il-miżuri biex itejbu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jinkludu żieda fil-krediti tat-taxxa fuq ix-xogħol. Barra minn hekk, huwa previst li tiżdied il-mobilità tax-xogħol billi jkun hemm rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi u t-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-qagħad, iżda wkoll miżuri ta' implimentazzjoni biex jintegraw gruppi speċifiċi fis-suq tax-xogħol. Fi tmiem l-2012, il-gvern fil-ftehim ta' koalizzjoni tiegħu ressaq għadd ta' riformi dwar il-politiki soċjoekonomiċi u riformi dwar is-suq tax-xogħol. Il-miżuri previsti dwar l-iskema ta' benefiċċju għall-qagħad, il-protezzjoni tal-impjegatur/ il-leġiżlazzjoni dwar is-sensji (EPL), u l-Att dwar il-Parteċipazzjoni l-ġdid għad iridu jiġu implimentati Madankollu, il-miżuri huma ppjanati li jiddaħlu gradwalment, anki bħala riżultat tal-ftehimiet mal-imsieħba soċjali li jiggvernaw l-implimentazzjoni tagħhom. Huma meħtieġa riformi addizzjonali sabiex jitjiet il-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

**Il-finanzi pubbliċi:** L-Awstrija rnexxielha tnaqqas l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali tagħha u qed taħdem biex jintlaħaq l-Objettiv Baġitarju ta' Terminu Medju, filwaqt li l-aġġustament strutturali annwali jeħtieġ li jissaħħaħ.

Id-dupplikazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-livelli federali, reġjonali u lokali, kif ukoll inkonsistenzi bejn il-finanzjament u r-responsabbiltajiet tal-infiq, jippreżentaw sfida li trid tiġi indirizzata. Din is-sitwazzjoni tista' tippreżenta riskji lil xi riformi li qed jiġu implimentati bħalissa, bħalma huma s-sistema fil-mira għan-nefqa fis-sistema tal-kura tas-saħħa.

**Is-Settur Finanzjarju:** Ir-ristrutturar ta' banek (parzjalment) nazzjonalizzati qed iseħħ, imma hemm bżonn aktar azzjoni u jeħtieġ li jiġu sorveljati mill-qrib ir-riskji baġitarji.

**It-tkabbir u l-kompetittività**: Huma meħtieġa aktar sforzi biex jiffaċilitaw il-kompetizzjoni u l-għoti ta' servizzi, inkluż billi jitneħħew l-ostakli eċċessivi għall-fornituri tas-servizzi u billi ssir reviżjoni ta' jekk ir-restrizzjonijiet eżistenti fi professjonijiet regolati humiex ġustifikati mill-interess ġenerali. Bħalissa qed tiġi implimentata r-riforma tal-liġi tal-kompetizzjoni iżda għad hemm tħassib fir-rigward ta' allokazzjoni wisq limitata tar-riżorsi għall-awtorità tal-kompetizzjoni federali. Barra minn hekk, l-Awstrija, minkejja li hemm disponibbli xi riżorsi baġitarji addizzjonali mill-2012, għadha ma ħaditx il-miżuri kollha meħtieġa biex ikun żgurat li n-numru dejjem jikber ta' studenti jkollhom aċċess għal taħriġ ta' kwalità għolja u adattat u li effettivament ilestu l-istudji tagħhom.

**Il-politiki soċjali u dwar l-impjiegi** L-Awstrija ħadet miżuri biex isaħħaħ, f'terminu medju, il-parteċipazzjoni ta' ħaddiema aktar anzjani fis-suq tax-xogħol u biex tillimita l-ħruġ bikri mix-xogħol. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u l-effettività tagħhom se jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. L-ebda miżuri ma ttieħdu biex iressqu 'l quddiem l-allinjament tal-età statutorja tal-irtirar għan-nisa u l-irġiel. Il-piż fuq il-ħaddiema f'termini ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u tat-taxxa effettivi għadu għoli u ma ttieħdet l-ebda azzjoni biex it-tassazzjoni tinqaleb minn fuq ix-xogħol bi dħul baxx lejn bażijiet tat-taxxa b'anqas ħsara għat-tkabbir. Ittieħdu xi miżuri sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Servizzi ta' kura tat-tfal u kura fit-tul qed jiġu mwessgħa sa ċertu punt, għalkemm l-allokazzjoni baġitarja ma tidhirx ambizzjuża biżżejjed biex tlaħħaq mad-domanda dejjem tikber. Ittieħdu xi miżuri biex jittrattaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni bi sfond ta' migranti, bħalma huma l-istrateġija tat-tagħlim tal-lingwa, u biex jittejbu l-eżiti tal-edukazzjoni, speċjalment għaż-żgħażagħ żvantaġġjati. Il-progress qed jinkiseb bil-mod u l-effettività ta' dawn il-miżuri teħtieġ monitoraġġ mill-qrib.

## IL-POLONJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Sa mill-bidu tal-2013, il-Polonja qiegħda gradwalment iżżid l-età tal-pensjoni statutorja għal 67 sena. Min-naħa l-oħra l-possibiltajiet ta' rtirar bikri għall-minaturi għadhom ma ġewx eliminati kompletament. Il-konformità mat-taxxa għadha baxxa. Il-Polonja ma mminimizzatx it-tnaqqis fin-nefqa li ttejjeb it-tkabbir minħabba li parti sinifikanti mill-isforzi għat-tnaqqis sinifikanti fid-defiċit ġiet minn tnaqqis fl-investimenti fis-snin riċenti. Għadha ma ġietx implimentata riforma tar-regoli fiskali. Il-Polonja ma kkoreġitx id-defiċit eċċessiv fl-2012. Bil-għan li tkun konformi mar-rakkomandazzjoni skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir biex tilħaq defiċit ta' 3% tal-PDG fl-2014, il-Polonja ppreżentat aktar miżuri fiskali marbuta prinċipalment mas-sistema tal-pensjoni, il-qafas fiskali, il-konformità mat-taxxa kif ukoll miżuri dwar id-dħul fiskali. Fir-rigward tal-kost-effettività fis-settur tas-saħħa, il-Polonja ħabbret xi miżuri marbuta mal-maniġment tal-Fond Nazzjonali għas-Saħħa. Hemm previsti wkoll miżuri biex itejbu l-politiki soċjali fil-mira f'regolament abbozzat.

**Tkabbir u kompetittività:** Ir-riforma tax-xjenza u l-edukazzjoni għolja kienet pass fid-direzzjoni t-tajba iżda l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-kumpaniji Pollakki għadha baxxa. Il-miżuri li ttieħdu sa issa biex ikabbru l-investiment fin-negozju tar-R&Ż u l-innovazzjoni interna ma wasslux għal titjib ċar u l-istrumenti pubbliċi biex jappoġġaw l-innovazzjoni mhumiex sew fil-mira. Strumenti effiċjenti bħal inċentivi eżistenti tat-taxxa bil-kemm jintużaw u titjib jew skemi alternattivi tat-taxxa mhux qed jiġu esplorati. Ħafna mill-miżuri fis-settur tal-enerġija huma biss fl-istadju ta' tħejjija. Madankollu, kemm fis-settur tal-elettriku kif ukoll f'dak tal-gass saru xi sforzi, bit-tnedija ta' xi proġetti fl-iżvilupp u titjib tal-grilja tal-elettriku u l-pjattaforma tan-negozjar tal-gass li nfetħet fl-2012 Fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika, il-Polonja mmodernizzat il-bini pubbliku. Minkejja xi sforzi, il-proġetti tal-investiment ferrovjarju għadhom imdewma ħafna, filwaqt li r-regolatur ferrovjarju ssaħħaħ. Il-Polonka stabbiliet aġenda serja tar-riforma biex telimina jew tnaqqas ir-rekwiżiti tal-kwalifikazzjoni għal 230 professjonist u l-ewwel segment ta' bidliet leġiżlattivi daħal fis-seħħ. Il-Polonka għadha ma ħaditx azzjoni li twieġeb direttament għar-rakkomandazzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-iskart u l-ilma kif ukoll l-aċċelerazzjoni ta' kopertura broadband.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Il-Polonja għamlet sforzi biex tnaqqas il-qagħad fost iż-żgħażagħ. Hija introduċiet bosta riformi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Qed jitħejjew miżuri addizzjonali biex itejbu l-mira tal-politika tal-impjiegi, b'mod partikolari b'rabta maż-żgħażagħ. F'Settembru 2013 ġiet adottata strateġija għal tagħlim tul il-ħajja. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jitjieb l-aċċess għall-appredistat u tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol. Il-Polonja ħadet passi minuri biss biex tnaqqas is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-faqar fost dawk li jaħdmu. L-għadd ta' postijiet għall-kura tat-tfal qed jikber, iżda l-offerta ta' skejjel tat-trabi għadha baxxa ħafna biex iżżid b'mod sostanzjali l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Għad trid tiġi implimentata riforma permanenti u kredibbli tas-sistema tas-sigurtà soċjali KRUS tal-bdiewa.

# IL-PORTUGALL

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-konsolidament fiskali nkiseb matul it-tliet snin li għaddew bi sforz fiskali ta' madwar 5.1% tal-PDG. Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fl-2012 laħaq is-6.4% tal-PDG u huwa mistenni li jkun 5.5% tal-PDG fl-2013. Il-gvern ikkonferma l-mira tad-defiċit tiegħu ta' 4% tal-PDG fl-2014, sostnuta minn miżuri ta' konsolidament permanenti. Il-konsolidament fiskali fl-2013 jinkludi żieda fl-introjutu personali u t-tassazzjoni tal-proprjetà, u l-forniment minn qabel ta' wħud mill-miżuri previsti fir-Rieżami tal-Infiq Pubbliku. Fl-2013, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet kontra wħud mill-miżuri baġitarji li huma madwar 0.8% tal-PDG. Ir-riformi tas-settur pubbliku jkomplu jsaħħu l-maniġment finanzjarju, jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa, jirristrutturaw l-intrapriżi tal-istat, u jnaqqsu l-ispejjeż tas-sħubijiet pubbliċi-privati.

**Is-settur finanzjarju:** Fuq in-naħa finanzjarja, is-solvenza tal-banek issaħħet aktar wara sforzi għal rikapitalizzazzjoni addizzjonali, filwaqt li l-kundizzjonijiet ta' likwidità qed jitjiebu gradwalment fost diżingranġġ kontinwu u meħtieġ tal-karta bilanċjali.

**Tkabbir u kompetittività:** L-aġenda tal-Programm tal-Aġġustament Ekonomiku ta' riformi strutturali hija avvanzata sew. Sar progress importanti fl-oqsma tar-riformi ġudizzjarji, ir-riformi tal-industriji tan-netwerk, u professjonijiet regolati. Il-liġi dwar il-qafas għat-titjib tal-funzjonament tal-professjonijiet regolati li jinvolvu korpi professjonali kien adottat u r-reviżjoni tal-istatuti tat-tmintax-il professjoni kkonċernata fil-pass li jmiss biex tikkompleta din ir-riforma. Qed isir progress għalkemm b'ċertu dewmien, fit-tnaqqis ta' ostakli biex isir negozju permezz tal-iffaċilitar ta' piżijiet amministrattivi u proċeduri ta' liċenzjar. L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi qed tipproċedi b'pass tajjeb u t-trasportazzjoni tagħha issa waslet biex tkun kompluta. Għadu meħtieġ aktar progress biex is-settur tat-trasport ikun aktar sostenibbli u miftuħ għall-kompetizzjoni. Kien hemm xi titjib fil-pożizzjoni finanzjarja tal-maniġer tal-infrastruttura ferrovjarja, iżda huwa meħtieġ sforz addizzjonali sinifikanti biex din tkun f'bilanċ operazzjonali sal-2015. Ir-riformi fil-portijiet jeħtieġ jitjiebu. Ġew adottati xi miżuri addizzjonali biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-likwidità tas-settur tan-negozju, b'mod partikolari fl-Intrapriżi Żgħar u Medji (SMEs).

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** L-impjiegi bdew jonqsu sew mill-bidu tal-kriżi ekonomika bir-rata tal-impjiegi taqa' minn 73.1% fl-2008 għal 66.5% fl-2012. Filwaqt li s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol riċentament ġiet xi ftit jew wisq stabbli, il-qagħad għadu għoli, partikolarment fost iż-żgħażagħ. Bħala parti mill-istrateġija għal tul ta' żmien twil għall-ħolqien tal-impjiegi ġew implimentati r-riformi li ġejjin: riforma riċenti tal-liġi tax-xogħol, it-tnaqqis tal-benefiċċji tal-qagħad biex iżżid l-inċentivi għar-ritorn għas-suq tax-xogħol, il-bidliet fl-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol u r-riformi fl-ALMPs u VET sabiex jitnaqqsu n-nuqqas ta' taqbiliet fil-ħiliet tax-xogħol. Mill-1 ta' Ottubru daħal fis-seħħ tnaqqis ġdid ta' ħlasijiet tal-għotjiet għat-tmiem tal-impjieg u ġew stabbiliti żewġ fondi ta' kumpens bil-għan li jkun hemm finanzjament parzjali ta' ħlasijiet għal għotjiet tat-tmiem tal-impjieg. Ġew adotatti miżuri addizzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni.

## IR-RUMANIJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-proċedura ta' defiċit eċċessiv tar-Rumanija ntemmet f'Ġunju 2013. Il-governanza fiskali ssaħħet permezz ta' Liġi dwar ir-Responsabbiltà Fiskali, il-ħolqien ta' Kunsill Fiskali, ir-riforma tal-pensjoni u miżuri biex jitjieb il-proċess baġitarju. Madankollu, l-arretrati ta' pagamenti tal-gvern, b'mod partikolari fil-livell lokali, u s-sostenibbiltà fiskali u l-effiċjenza tas-sistema tal-kura tas-saħħa jkomplu jkunu ta' problema.

**Is-settur finanzjarju:** Ittieħdu serje ta' miżuri biex isaħħu s-settur finanzjarju: il-qafas ta' riżoluzzjoni tal-bank kienet imtejba u l-fondi ta' garanzija tad-depożitu msaħħa, standards internazzjonali tar-rappurtar ġew introdotti għas-settur bankarju kollu. Id-deterjorament tal-kwalità tal-assi qed tkun indirizzata permezz ta' programm ġdid ta' miżuri.

**Tkabbir u kompetittività:** Ir-Rumanija qed tiffaċċja sfidi importanti ta' kompetittività: prevalenza ta' setturi tat-teknoloġija baxxa u medja; investiment pubbliku u privat baxx fir-R&Ż; produttività baxxa fl-industrija u s-servizzi u diffikultajiet tal-intrapriżi biex jikbru. Qed tiġi elaborata Strateġija Nazzjonali għall-Kompetittività li tiġbor fiha l-oqsma kollha ta' politika.

Ir-ristrutturar ta' kumpaniji li huma tal-istat, u titjib tal-governanza tagħhom u l-prestazzjoni tagħhom, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport u l-enerġija, kien bil-mod u limitat ħafna.

Amministrazzjoni pubblika dgħajfa tibqa' sfida ewlenija għat-tkabbir u l-kompetittività, u xxekkel l-assorbiment tal-fondi tal-UE. Il-pjanijiet ta' azzjoni mfassla biex itejbu l-effettività ta' ċerti korpi ċentrali tal-amministrazzjoni pubblika qed jiġu implimentati bil-mod. Qed titħejja strateġija għat-tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika għal tmiem l-2013. Is-suċċess tal-Pjan ta' Azzjon ta' Prijorità Nazzjonali għaż-żieda tal-assorbiment tal-Fondi tal-UE (PAP) kien limitat ħafna, għalkemm kien hemm kemxejn ta' żieda fir-rata ta' assorbiment tal-fondi tal-UE fit-tmiem ta' Ottubru 2013.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Il-qagħad totali fir-Rumanija huwa relattivament baxx, iżda qed jiżdied (7.5% f'Settembru 2013). Madankollu, il-qagħad fost iż-żgħażagħ huwa għoli (23%) filwaqt li r-rata globali ta' qagħad kienet ta' 63.8% biss fl-2012. Fl-aħħar sena, l-awtoritajiet Rumeni kienu qed jimplimentaw pjan nazzjonali biex jagħti spinta lix-xogħol fost iż-żgħażagħ. Qed titħejja strateġija nazzjonali għall-impjiegi 2013-2020 li hija mmirata għaż-żgħażagħ, il-ħaddiema avvanzati fl-età, persuni li jaħdmu fl-agrikoltura, nisa u gruppi vulnerabbli. Biex tiġġieled xogħol mhux dikjarat, qed tiġi implimentata liġi dwar attivitajiet provduti minn ħaddiema ta' kiuljum mill-2011. It-tnaqqis tal-faqar jibqa' sfida ewlenija għar-Rumanija. Mill-2011 bdiet riforma fl-għajnuna soċjali biex iżżis l-effiċjenza u l-effettività tal-benefiċċji tal-għajnuna soċjali.

## IS-SLOVENJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Fl-abbozz tal-baġit għall-2014, is-Slovakkja ppreżentat miżuri biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2015. Il-qafas fiskali għaddej minn aktar bidliet wara l-emenda kostituzzjonali li tistabbilixxi l-bażi għall-bilanċ tal-baġit ġenerali tal-gvern/ir-regola dwar l-eċċess adottata f'Mejju 2013. L-aħħar riforma tal-pensjoni tistabilizza n-nefqa tal-pensjoni sal-2020 biss u n-nefqa tal-pensjoni hija proġettata li tiżdied sew aktar mill-medja tal-baġit wara din. Il-gvern stabbilixxa grupp ta' ħidma biex iqis l-għażliet għal aktar riforma. Pressjonijiet fuq tul ta' żmien itwal dwar is-sostenibbiltà ġejjin ukoll miż-żieda proġettata ta' domanda għal kura fuq tul ta' żmien twil u n-nefqa marbuta magħhom, fid-dawl ta' popolazzjoni li qed tixjiħ. F'Mejju 2013 il-gvern ħareġ pjanijiet biex isaħħaħ il-komunità li hija bbażata fuq kura għal tul ta' żmien twil u l-adozzjoni ta' Att ġdid hija prevista fl-ewwel nofs tal-2014.

**Is-settur finanzjarju:** Bosta banek Sloveni esperjenzaw pressjoni fuq il-bafers kapitali relattivament baxxi tagħhom u d-dipendenza tagħhom fuq l-istat tal-kapital hija theddida għas-sostenibbiltà fiskali. F'Awwissu 2013, il-Bank tas-Slovenja beda eżerċizzju indipendenti fuq l-Ittestjar tar-Rieżami tal-Kwalità tal-Assi u l-Istress li jkopri kważi 70% tas-settur bankarju. L-eżerċizzju miexi kif suppost, biex jintemm sal-aħħar tal-2013. Il-Kumpanija Maniġerjali tal-Assi tal-Bank il-ġdid tinsab lesta li tirċievi assi biex tgħin il-karti tal-bilanċ tal-bank. L-awtoritajiet Sloveni għamlu l-ewwel passi biex jirrieżaminaw il-qafas tagħhom għar-regolament tal-bank sa tmiem l-2013 u biex isaħħu l-kapaċità superviżorja, it-trasparenza u l-iżvelar dwar l-istatistika.

**Tkabbir u kompetittività:** Id-dejta rrapportata mill-Qorti Suprema tidher li tikkonferma li ċerti xejriet pożittivi fl-effiċjenza ġudizzjarja komplew. Qed jitħejja qafas għal ristrutturar finanzjarju għal barra l-qorti ta' kumpaniji mhux finanzjarji iżda l-iskadenza ta' Settembru 2013 kif deskritta fis-CSRs inqabżet. Ġie ffurmat grupp ta' ħidma ta' esperti f'nofs Settembru biex jinkorpora r-ristrutturar barra l-qorti fil-kodiċi ta' insolvenza u emendi ġodda għal-liġi dwar l-insolvenza ġew adottati mill-gvern f'Ottubru. Il-gvern ħejja abbozz ġdid għal-liġi li tistabbilixxi Holding Sovran tas-Slovenja, li huwa meqjus bħala l-vettura biex tikkonsolida l-ishma ta' sjieda indiretta tal-istat u jiffaċilita l-privatizzazzjoni ta' assi mhux prinċipali. Madankollu, l-iskdenza ta' Settembru 2013 għal-ikklassifikar tal-assi li huma tal-istat inqabżet. Il-proċess interministerjali tal-2012 biex jiffaċilita l-bosta professjonijiet regolati tas-Slovenka ma avvanzax minn Mejju 2013. L-Aġenzija għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni li għadhom kif saru indipendenti ssaħħew b'persunal addizzjonali iżda l-aġenzija qed issofri minn riżorsi finanzjarji limitatu li huma komposti minn tnaqqis ippjanat għall-baġit tal-2014.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Fir-rigward tar-riformi fis-suq tax-xogħol, inħoloq grupp ta' ħidma u ngħata x-xogħol li jirrapporta, sa Marzu 2014, dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tar-riforma ta' Marzu 2013. Qed jitħejja regolament ġdid għax-xogħol tal-istudent bil-għan li jippreserva l-flessibbiltà filwaqt li jintroduċi kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex inaqqas id-distorsjonijiet, megħjun minn miżuri fis-settur tal-edukazzjoni biex jillimita l-aċċess għall-istatus tal-istudent. Qed tiġi kkunsidrata reviżjoni dwar l-att dwar il-paga minima u se jibdew negozjati mal-partijiet interessati rilevanti. Ġew implimentati azzjonijiet pjuttost limitati biex jindirizzaw in-nuqqas ta' taqbil tal-ħiliet. Is-Slovenja ħejjiet u implimentat xi miżuri ġodda u

mfassla apposta għall-politika dwar is-suq tax-xogħol attiv, li l-effettività tagħhom se tkun meħtieġa tiġi monitorjata mill-qrib.

## IS-SLOVAKKJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Is-Slovakkja bdiet taħdem fuq sforz intensiv ta' konsolidament biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2013. Sal-punt li dan l-isforz iserraħ ukoll fuq miżuri ta' darba, dawn jeħtieġ li jiġu sostitwiti minn oħrajn li huma aktar strutturali fil-futur, sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-korrezzjoni. L-investiment u n-nefqa tal-gvern fuq l-edukazzjoni (bħala perċentwal tal-PDG) naqsu fis-snin riċenti u huma bbaġitjati biex jonqsu aktar, sinjal tad-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom waqt l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni biex tissalvagwardja n-nefqa li ttejjeb it-tkabbir. Ir-riforma tal-2012 tas-sistema tal-pensjonijiet żiedet is-sostenibbiltà għal tul ta' żmien tagħha, iżda l-iskema tal-pensjoni pubblika għadha proġettata biex tkun fid-defiċit għal tul ta' żmien. Ir-riformi ppjanati tas-sistema tal-kura tas-saħħa sa issa ma pprogressawx. Ittieħdu bosta miżuri fl-2012/13 biex jitnaqqsu d-distorsjonijiet fit-tassazzjoni tax-xogħol f'tipi differenti ta' impjiegi u biex titjieb il-konformità tal-VAT. Huma meħtieġa aktar sforzi biex titjieb il-konformità tat-taxxa li tmur lil hinn mill-VAT. L-ambitu jibqa' għal dipendenza fuq taxxi li huma inqas ta' detriment għat-tkabbir, bħall-proprjetà u t-tassazzjoni ambjentali.

**Tkabbir u kompetittività:** Is-Slovakkja tiffaċċja sfida f'termini ta' appoġġ għal tkabbir ibbażat aktar fuq l-għarfien u kompetittività fuq tul ta' żmien medju. It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet, il-kapital uman, il-kapaċità innovattiva u l-ambjent tan-negozju huma prekundizzjonijiet biex tiġi indirizzata tali sfida. Il-miżuri ttieħdu matul l-2013/2013 biex l-akkwist pubbliku u s-sistema ġudizzjarja jkunu aktar trasparenti, u wkoll biex titjieb l-indipendenza tal-Uffiċċju tal-Akkwist Pubbliku. Il-proċess ta' riforma tas-sistema ġudizzjarja, madankollu, jkompli. Mill-2012, il-gvern nieda riforma importanti tal-amministrazzjoni pubblika bl-implimentazzjoni ta' miżuri li huma mifruxa fuq bosta snin. Għad iridu jiġu indirizzati t-titjib fil-kompetizzjoni u t-trasparenza ta' mekkaniżmi ta' ffissar tal-prezzijiet f'industriji regolati, b'mod partikolari fis-settur tal-enerġija.

**Politiki tal-impjiegi u soċjali:** Is-Slovakkja ħadet passi biex tirriforma l-politiki tas-suq tax-xogħol attiv. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-impatt u l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jimplimentaw b'mod effettiv ir-riforma ta' Mejju 2013 għad trid tiġi magħrufa u għadhom meħtieġa miżuri aktar immirati għall-persuni li qed ifittxi impjieg u li huma l-aktar żvantaġġati. Id-disponibbiltà ta' kwalità tajba, edukazzjoni u kura bikrija u affordabbli għat-tfal, b'mod partikolari taħt it-tliet snin, għadha ostaklu għall-parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol. Is-Slovakkja għad trid tieħu azzjoni fuq l-inklużjoni soċjali ta' komunitajiet emarġinati. Fir-rigward tal-edukazzjoni, is-Slovakkja ħadet għadd ta' miżuri b'mod partikolari l-pjan ta' azzjoni taż-żgħażagħ tnieda, u ġew adottati emendi għall-atti dwar l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja.

## IL-FINLANDJA

**Il-finanzi pubbliċi:** Il-finanzi pubbliċi fil-Finlandja kienu b'saħħithom u l-Finlandja implimentat il-miżuri ppjanati għall-konsolidament tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, il-klima ekonomika li qiegħda tmur għall-agħar għamlitha diffiċli biex jinkisbu r-riżultati mistennija f'dak li jikkonċerna l-objettiv baġitarju ta' terminu medju tal-Finlandja. Il-Finlandja ma laħqitx l-Objettiv ta' Terminu Medju tagħha (OTM) ta' bilanċ strutturali favorevoli ta' 0,5 % aktar fl-2012 u stabbilixxiet OTM ġdid b'mira ta' defiċit ta' 0,5 % fl-2013. Madankollu, skont il-Previżjoni għall-Ħarifa tal-Kummissjoni 2013, dan id-defiċit mhux se jintlaħaq. F'Awwissu 2013 il-Gvern Finlandiż nieda programm ta' riforma strutturali, li kompla u saħħaħ l-impenji u l-miżuri li saru qabel sabiex jippromwovi t-tkabbir u jnaqqas id-distakk tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Qed isiru preparamenti għal riformi komprensivi fl-istruttura tal-muniċipji, u s-servizzi tas-saħħa u soċjali. Dawn huma passi fid-direzzjoni t-tajba iżda jridu jiġu żviluppati aktar qabel ma jiġu evalwati. Hija pjanata riforma tal-pensjonijiet fl-2017.

**It-tkabbir u l-kompetittività** Il-Finlandja hija minn ta' quddiem f'dak li jikkonċerna l-innovazzjoni u n-nefqa tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp tibqa' l-ogħla fl-UE. Madankollu, qiegħda taffaċċa numru ta' sfidi, b'mod partikolari t-telf fis-sehem tagħha fis-suq tal-esportazzjoni fuq bosta snin, li qiegħed jhedded il-pożizzjoni kompetittiva tal-pajjiż. L-effiċjenza tas-sistema ta' riċerka u innovazzjoni Finlandiża li tbiddel l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp fi prodotti u servizzi ġodda innovattivi hija ta' importanza kritika. Il-gvern offra, fost miżuri oħra, inċentivi temporanji tat-taxxa biex jgħin ir-riċerka u l-investiment, aktar għajnuna għall-finanzjament tar-ristrutturar u t-tkabbir fis-settur tal-ICT, u ħa l-impenn biex jagħmel riforma komprensiva tal-istituti tar-riċerka u l-finanzjament tagħhom. Twaqqaf programm għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-prodotti. Mill-2014, il-Finlandja se tnaqqas ir-rata tat-taxxa fuq l-introjtu korporattiv u hemm proposti biex jitnaqqas il-piż regolatorju u biex issir riforma tas-sistema ta' sostenn għall-intrapriżi. Is-suċċess ta' dan jiddependi mid-dettalji tar-riformi, li sa issa għadhom ma ġewx ippubblikati.

**Il-politika tal-impjiegi u l-politika soċjali** Is-suq tax-xogħol Finlandiż huwa ġeneralment stabbli. L-aktar sfidi urġenti jikkonċernaw it-tixjiħ tal-popolazzjoni. Huwa importanti li n-numru ta' ħaddiema fil-futur jibqa' stabbli u li titjieb is-sostennibiltà tal-pensjonijiet u s-sistemi ta' kura fit-tul. It-tluq bikri se jiġi evitat billi jitnaqqas l-aċċess għall-irtirar kmieni, għalkemm attwalment għad hemm xi perkorsi fis-seħħ u huma previsti xi miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol u b'hekk jiġu estiżi l-karrieri. Fl-2013 ġew introdotti estensjoni tal-iskema Garanzija għaż-Żagħżagħ u programm għall-ħiliet temporanji għall-adulti żgħar. Tnieda wkoll programm bi prova biex jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul. L-Imsieħba Soċjali ftehmu fuq ftehim qafas ġdid dwar il-paga għat-tliet snin li ġejjin (2+1), sabiex jiggarantixxu żidiet moderati fil-pagi b'tali mod li tittejjeb il-kompetittività tal-ekonomija. Dan il-ftehim jinkludi wkoll pjan direzzjonali li jiffavorixxi l-ftehim dwar ir-riforma tal-pensjonijiet. Dawn huma passi konkreti fid-direzzjoni t-tajba iżda għadhom iridu jiġu kkunsidrati l-impatti tagħhom.

## L-ISVEZJA

**Il-finanzi pubbliċi:** L-Isvezja għandha pożizzjoni fiskali soda, b'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, filwaqt li tuża spazju fiskali disponibbli biex tappoġġa t-tkabbir u l-impjiegi. Il-pjanijiet tal-Isvezja għal żmien medju u fit-tul jeħtieġ li jiġu ċċarati inkluż meta l-Isvezja qed tipprevedi li tilħaq il-mira tas-surplus nazzjonali ta' 0.1% tal-PDG u kif se tittratta n-nefqa għolja tal-kura tas-saħħa fuq perjodu ta' żmien twil.

**Is-settur finanzjarju:** Ġew implimentati xi miżuri matul l-aħħar snin li kkontribwixxew għall-istabilizzazzjoni ta' dejn tal-unitajiet domestiċi, għalkemm f'livell għoli (madwar 80% tal-PDG). Madankollu, fl-aħħar tliet xhur id-dejn u l-kreditu tal-unitajiet domestiċi jidhru li reġgħu tilgħin. Il-miżuri riċenti li introduċiet l-Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja ntlaqgħu, iżda jista' jkun hemm il-ħtieġa li dawn jiżdiedu. Ma tqiesu l-ebda bidliet sa issa għat-tassazzjoni dwar il-proprjetà jew għar-regoli dwar it-tnaqqis tat-taxxa għall-ħlasijiet tar-rati ta' interess.

Ir-restrizzjonijiet fil-provvista tad-djar, flimkien mat-tassazzjoni fuq id-djar li toħloq dejn, għandhom it-tendenza li joħolqu distorsjoni 'l fuq fil-prezzijiet tad-djar. Fis-suq tal-kiri, ittieħdu ċerti miżuri iżda hemm il-bżonn ta' aktar riformi fis-sistema li tiffissa l-kiri. Bosta atti qed jiġu ppjanati għat-tmiem tal-2013, u għall-bidu tal-2014 biex jitjieb il-ħin tal-kostruzzjonji u tiżdied il-kompetizzjoni fis-settur tal-kostruzzjonji.

**Tkabbir u kompetittività:** Filwaqt li l-Isvezja tagħti prestazzjoni tal-ogħla livell skont l-indikaturi tal-R&D, hija qed taffaċċa għadd ta' sfidi li jistgħu jheddu l-pożizzjoni kompetittiva tal-pajjiż f'perjodu qasir, b'mod partikolari l-investiment li qed jonqos tan-negozju fl-R&D u livell baxx ta' kummerċjalizzazzjoni ta' produzzjoni innovattiva. F'Ottubru 2012, l-Isvezja adottat strateġija ġdida ta' innovazzjoni li tindirizza s-CSR tal-2012 relatati, li issa qed tiġi implimentata.

**Impjieg u l-politiki soċjali:** Ġeneralment is-suq tax-xogħol Svediż ikollu prestazzjoni tajba imma hemm gruppi li għandhom rabta dgħajfa mas-suq tax-xogħol, b'mod speċjali ż-żgħażagħ u n-nies li għandhom storja ta' migrazzjoni. Il-gvern qed jieħu għadd ta' miżuri, inklużi proposti ġodda biex tiġi rriformata aktar s-sistema tal-VET, l-introduzzjoni ta' ftehimiet għall-introduzzjoni tax-xogħol u t-tkomplija tan-negozjati fuq il-"patti għall-impjiegi" li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ispejjeż tal-ewwel sena għal min iħaddem li jimpjegaw żgħażagħ u jipprovdu kontinwazzjoni tal-edukazzjoni lil dawk iż-żgħażagħ. Dawn huma passi lejn id-direzzjoni t-tajba, iżda impatti konkreti għadhom iridu jidhru. It-tnaqqis tal-VAT lir-restoranti introdott fl-2011 ġie ppreżentat bħala miżura biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ. Bħalissa għaddejja evalwazzjoni tal-effetti tiegħu fuq il-prezzijiet, il-pagi u l-impjieg fis-settur u għandha toħroġ riżultati preliminari f'Jannar 2014.

## Ir-Renju Unit

**Finanzi pubbliċi:** L-istrateġija tal-konsolidazzjoni fiskali qed tiġi implimentata u sejra lejn id-direzzjoni t-tajba, iżda l-pass medju naqas maż-żmien. Id-defiċit tal-baġit qed jonqos u huwa mistenni li jonqos sa 4,4 % fil-2015-16. Meta mqabbel, il-livell għoli u li qed jiżdied tad-dejn tal-gvern jibqa' tħassib peress li żdied b'mod sostanzjali bejn l-2009 u l-2012, meta laħaq it-88,8 %.

**Settur finanzjarju:** L-Iskema ta' dan l-aħħar tal-Finanzjament għas-Self qed tibda ttejjeb l-aċċess għall-kreditu għall-unitajiet domestiċi u għall-korporazzjonijiet. L-Att dwar ir-Riforma Bankarja se jidħol fis-seħħ fil-bidu tal-2014. **Settur finanzjarju:** Filwaqt li l-fluss tal-kreditu fl-ekonomija qed jitjieb, il-parti kbira tiegħu jmur lejn kumpaniji kbar u lis-settur tal-proprjetà immobbli. L-SMEs xorta qed jirrapportaw diffikultajiet biex jaċċedu għal kreditizja bankarja. Madankollu kien hemm xi sinjali ta' titjib fid-disponibbiltà tal-kreditizja mhux bankarja. L-istabbiliment ta' Bank tan-Negozju sostnut mill-Gvern fl-2014 għandu jiffaċilità aċċess aħjar għall-SMEs. L-istabbiliment ta' Bank ta' Negozju sostnut mill-gvern fl-2014 għandu jiffaċilità aċċess aħjar ta' finanzjar għall-SMEs.

Is-suq tad-djar żdied fir-reġjuni kollha, minkejja bil-varjazzjonijiet reġjonali kbar, iżda hemm nuqqasijiet persistenti fil-provvista tad-djar. Miżuri bil-għan li jixprunaw id-domanda għad-djar, b'mod partikolari l-Help to Buy Scheme, qed jirriskjaw li joħolqu bużżieqa tal-prezzijiet tal-assi, b'hekk iżidu l-ħsara lill-affordabilità u jżidu l-insolvenza tal-unità domestika. L-ebda riforma tat-tassazzjoni tal-proprjetà ma ġiet implimentata jew hija ppjanata u ma ttieħdu l-ebda miżuri biex titwessa' l-bażi tal-VAT.

**Tkabbir u kompetittività:** Hemm konsensus wiesgħa li l-irkupru ekonomiku qed jissaħħaħ, kemm b'dejta soda ta' produzzjoni u indikaturi ta' stħarriġ li jħarsu 'il quddiem li juru titjieb b'saħħtu. L-esportazzjonijiet netti bdew jikkontribixxew b'mod pożittiv lit-tkabbir imma dan kien minħabba tnaqqis kbir fl-importazzjonijiet meta mqabbel ma' rilanċ fl-esportazzjonijiet. L-Att tal-2013 dwar it-Tkabbir u l-Infrastruttura, li japplika lill-Ingilterra u lil Wales, sar liġi f'April 2013. Il-gvern ħabbar il-pakkett “Investing in Britain’s future”, li jiddeskrivi l-pjan ta' investiment pubbliku fl-infrastruttura ta' aktar minn GBP 100 biljun sal-2020, riformi tal-politika biex jiġi stimulat investiment ta' settur privat ġdid fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u aktar introduzzjoni u estensjoni tal-iskema ta' garanziji biex jitħeġġeġ l-iffinanzjar ta' proġetti kbar. Għadu kmieni wisq għal valutazzjoni, iżda rigward il-kapaċità tal-enerġija, il-miżuri introdotti ma jidhrux li jipprovdu livell xieraq ta' ċertezza wara l-2020.

**Impjieg u politiki soċjali:** Mill-bidu tal-kriżi, is-suq tax-xogħol wera' ċertu reżiljenza u r-rata tal-impjieg, b'71,7 %, hija għolja. Madankollu, l-oqsma ta' tħassib jibqgħu jirrigwardaw b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ u r-rata tal-NEETs. Ħafna nies, b'mod speċjali ħaddiema żgħażagħ, huma f'impjiegi part-time prekarji jew temporanji. Barra minn hekk, ir-Renju Unit għandu wisq ħaddiema bi ftit kwalifiki, u nuqqas ta' ħaddiema bi kwalifiki vokazzjonali u tekniċi ta' kwalità għolja. Il-programmi introdotti mill-gvern biex jiġu trattati dawn il-kwistjonijiet, b'mod partikolari l-Programm ta' Ħidma u l-Kuntratt taż-Żgħażagħ, ma ssodisfawx il-miri tal-Gvern. Ir-Renju Unit qed jaffaċċa wkoll sfida usa' ta' produttività – id-dejta uffiċjali ta' dan l-aħħar turi li qiegħda ftit lura meta mqabbla mal-kompetituri tal-G7 (bi produzzjoni ta' kull siegħa xogħol ta' 16 % taħt il-medja tal-G7 fl-2012, u xorta 2 % inqas mil-livell tagħha tal-2007). Ir-Renju Unit għandu l-ogħla rata ta' riskju ta' faqar għall-unitajiet

domestiċi b'ġenitur wieħed fl-UE28. Ġiet introdotta azzjoni biex jitjieb il-provvediment tal-kura tat-tfal u l-affordabilità, iżda l-implimentazzjoni tar-riforma tal-assistenza soċjali ewlenija, il-Kreditu Universali, qed tiltaqa' ma' bosta sfidi.

## Iż-Żona tal-Euro

Is-sitwazzjoni ekonomika fiż-Żona tal-Euro tibqa' ta' sfida minħabba l-iżbilanċi li żviluppaw matul is-snin 2000, frammentazzjoni tas-suq finanzjarju u inċertezza politika sostnuta għat-tlestija tal-unjoni ekonomika u monetarja. Sabiex jinħolqu opportunitajiet ta' tkabbir u investiment sostenibbli, hemm il-bżonn ta' aktar riformi biex titjieb il-kapaċità ta' aġġustament u l-kompetittività tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro.

Rigward il-konsistenza tat-taħlita politika ġenerali kif ukoll il-ħtieġa ta' monitoraġġ u koordinazzjoni tar-riformi, il-grupp tal-Euro ta' Settembru ddiskuta s-sitwazzjoni ekonomika u l-implikazzjonijiet tagħha tasCSRs taż-Żona tal-Euro u tal-Istati Membri. Oqsma ta' politika speċifiċi bħall-unjoni bankarja u s-sitwazzjoni fi Stati Membri magħżula taż-Żona tal-Euro ġew diskussi fil-grupp ta' Settembru u Ottubru. Minkejja dan, il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fiż-Żona tal-Euro teħtieġ li tissaħħaħ aktar, b'mod speċjali billi jiżdied il-livell ta' impenn, sjieda u implimentazzjoni tar-riformi ekonomiċi.

Rigward il-politika fiskali, l-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro ressqu l-abbozz tagħhom tal-pjanijiet baġitarji: dan jimmarka punt importanti fit-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politiki fiskali tal-Istati Membri. Wara konsolidazzjoni impressiva fl-aħħar tliet snin, il-konsolidazzjoni hija lesta li tissokta, minkejja li r-ritmu tagħha se jonqos maż-żmien. Dan huwa r-riżultat ta' konsolidazzjoni ta' forniment minn qabel (ta' flus) fil-livell taż-Żona tal-Euro, li kienet meħtieġa minħabba r-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn, konsistenti ma' korrezzjoni gradwali tad-defiċits eċċessivi. It-tendenza tal-konsolidazzjoni madwar l-Istati Membri tkompli li tkun differenzjata b'mod xieraq skont l-ispazju fiskali. Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas fir-ritmu fil-ħtiġijiet ta' aġġustament, l-impatt fuq perjodu qasir fuq it-tkabbir se jonqos u hemm aktar kamp ta' applikazzjoni għall-konsolidazzjoni li tiffavorixxi t-tkabbir. Jista' jsir aktar titjieb f'dan il-qasam – pereżempju, il-kompożizzjoni tat-tassazzjoni ma tiddependix biżżejjed u twessigħ tal-bażi u inqas tassazzjoni li tfixkel, u tnaqqis fl-infiq huma wisq iffukati fuq l-infiq li jiffavorixxi t-tkabbir bħal investiment. L-Istati Membri huma mistiedna biex isaħħu aktar l-iffukar fuq politika fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir bl-għeruq f'qafas fiskali ta' perjodu medju. Filwaqt li sar ħafna progress dwar it-tisħiħ tal-kredibbiltà tal-istrateġiji fiskali għal perjodu medju f'bosta mill-Istati Membri taż-Żona tal-Euro, aktar progress jista' jsir permezz ta' transpożizzjoni sħiħa u f'waqtha tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) u d-Direttiva dwar l-oqfsa baġitarji sal-aħħar tal-2013. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma mistiedna li jikkomplementaw il-politiki baġitarji tagħhom b'riformi strutturali li jsaħħu l-potenzjal ta' tkabbir ekonomiku sabiex tissaħħaħ aktar s-sostenibbiltà tad-dejn.

Rigward il-frammentazzjoni tas-suq finanzjarju, il-Kummissjoni u l-BEI għamlu proposti dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri bil-għan li jiffinanzjaw l-ekonomija. B'mod speċjali, ġie propost biex jiġu estiżi l-istrumenti finanzjarji konġunti ta' kondiviżjoni tar-riskji bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex ikun hemm effett ta' lieva fuq is-settur privat u f'investimenti kapitali fis-suq fl-SMEs, bil-għan li jkun hemm espansjoni tal-volum ta' self ġdid lill-SMEs madwar lill-UE. Dawn il-proposti issa għandhom jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun bl-ogħla parteċipazzjoni possibbli mill-Istati Membri peress li huwa meħtieġ li tintlaħaq massa kritika. Barra minn hekk, u f'perspettiva fuq perjodu itwal, għandu jitqies it-tnaqqis tal-importanza tal-intermedjazzjoni tal-bank fl-UE. Il-BĊE

ħabbar ukoll dettalji tal-valutazzjoni komprensiva tal-banek li tibda f'Novembru u li ddum 12-il xahar u l-EBA pproduċiet standards tekniċi dwar self improduttiv u tolleranza. Kif ukoll, il-grupp tal-Euro beda d-diskussjoni tiegħu dwar garanziji ta' kontinġenza fiskali. Fl-aħħar, qed isir aktar progress lejn unjoni bankarja bi ftehim dwar il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU), id-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar id-Direttiva għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni Bankarji u d-Direttiva ta' Garanzija tad-Depożiti bejn il-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni u d-diskussjonijiet dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (MUR). It-tlestija tal-unjoni bankarja hija urġenti u tirrikjedi mhux biss Mekkaniżmu Superviżorju Uniku iżda wkoll Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li d-Direttiva għall-Irkupru u r-Riżoluzzjoni Bankarji u d-Direttiva ta' Garanzija tad-Depożiti jiġu adottati sat-tmiem is-sena u l-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni jiġi adottat qabel it-tmiem tal-perjodu leġiżlattiv ta' bħalissa.

Rigward ir-riformi strutturali, hemm diverġenza kbira fil-prestazzjoni. Iż-Żona tal-Euro qed timxi lil hinn mid-dikotomija klassika bejn ċentrali u periferiċi li kkaratterizzat żviluppi fil-kriżi tal-euro sa issa. Il-pajjiżi fil-programm għamlu aġenda ta' riforma impressiva imma jeħtieġu li jkomplu bil-pass tagħhom ta' riforma hekk kif il-fundamenti ekonomiċi għadhom ma ġewx korretti. Ir-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar Spanja u s-Slovenja, li qed jaffaċċaw żbilanċi eċċessivi, juru t-tisħiħ ta' azzjoni politika minn dawn l-Istati Membri wara l-identifikazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi u għadhom iridu jittieħdu miżuri importanti biex jikkoreġuhom. L-iżbilanċi f'pajjiżi oħrajn, irrelevanti jekk humiex pajjiżi b'defiċit fil-kont kurrenti jew b'bilanċ tajjeb, jeħtieġ li jiġu indirizzati wkoll biex jissaħħu l-fundamenti ekonomiċi u l-potenzjal tat-tkabbir. L-iżviluppi tal-kompetittività fl-Istati Membri l-kbar bħal Franza u l-Italja jiddependu b'mod aktar dirett fuq iż-Żona tal-Euro li żżid ir-responsabbiltà ta' dawn l-Istati Membri biex jimplimentaw riformi strutturali li se jsaħħu l-prospetti taż-Żona tal-Euro b'mod ġenerali.

Fl-aħħar, rigward is-sitwazzjoni tal-impjieg u soċjali fiż-Żona tal-Euro, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-UEM. Barra minn hekk, l-istabbiltà tal-UEM teħtieġ azzjoni ambizzjuża mill-Istati Membri biex jiġu żgurat tħaddim xieraq tas-swieq tax-xogħol filwaqt li jiġi evitat qgħad għal perjodu twil fost il-gruppi vulnerabbli. Rigward dan, huwa essenzjali li l-Istati Membri tal-UE jżidu l-isforzi tagħhom biex l-Inizjattiva dwar il-Qgħad fost iż-Żgħażagħ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ tibda titħaddem sa Jannar 2014.

Bħala konklużjoni, il-ħarsa ġenerali tal-progress tas-CSRs taż-Żona tal-Euro turi li qed tittieħed azzjoni biex jingħelbu l-isfidi ekonomiċi ta' bħalissa. Madankollu, l-aġenda ta' riforma għadha ma tlestitx u t-tisħiħ tat-triq għall-irkupru jeħtieġ li l-Membri jieħdu sjieda kollettiva u jimpenjaw ruħhom biex jagħmlu r-riformi meħtieġa fil-livell tal-Istat Membru u taż-Żona tal-Euro meħtieġa għat-tħaddim xieraq tal-UME sabiex jiġi żgurat titjib fit-tul fil-kundizzjonijiet tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha.